NEWSPAPER POST
ISSN 123456689

# IL-BELT VICTORIA

PUBBLIKAZZJONI TAL-BAŻILIKA PROTOPARROKKJALI TA' SAN ĠORĠ | GĦAWDEX

SETTEMBRU-DIĊEMBRU 2023

NRU 210

## TIFKIRA SIEWJA BIEX TIBQA' MIŻMUMA GĦAL DEJJEM

>> aqra f'paġni 12-15




TANISJU
BY GIOVANNA


CISK


THE ASTRA
Lounge | Cafe | Bistro


DEWALT
GUARANTEED TOUGH.
AAK
GRECH BROS. LTD
BLACK+DECKER
GIFT VOUCHERS AVAILABLE


TA' ĠOLINA
supermarket
275, Triq tal-Għajn, Fontana - 21554067
Għal għażla vasta ta' prodotti ta' kwalità bi prezzijiet raġonevoli
u servizz eċċelenti.
B'telefonata tista' tordna u tirċievi x-xirja tiegħek id-dar!


A&M PRINTING


PUMA GOZO
21 560 248
79 051 634


Charles
Fruits & Vegetables Market
Tel: 2156 6707, Mob: 9942 4124
Email: attardcharles@ymail.com
Primrose, Triq Dun Guzepp Grima, Fontana FNT 1081


Savio Bugeja
Bellusa
Plastering, Tile laying,
Graffiato and Scaffolding
Mob: 7906 8138/7955 3434


Kafe' SanĠorġ
Kafe' San Gorg has
been serving daily prepared
pastries from a recipe that goes back
over 42 years!!
Tel : 21565432


MEYLAK JEWELLERS
VICTORIA, VCT 1012,
GOZO, MALTA.


Silhouette
THE LIGHT SHOP

EDITORJAL

# IL-PICCOLO CLERO

Ta' spiss waqt il-funzjonijiet li jsiru fil-Bażilika nilmħu grupp ta' abbatini jassistu ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi. F'din l-edizzjoni qed inġibu wkoll l-esperjenza ta' żewġ abbatini tal-Parroċċa f'Ruma, fejn taw is-servizz tagħhom bħala abbatini fil-Vatikan u ltaqgħu mal-Papa. Din żgur esperjenza li ser tibqa' f'qalb dawn iż-żewġ abbatini u ta' ħafna oħrajn li marru fis-snin ta' qabel, illum uħud minnhom saċerdoti jew missirijiet ta' familji. Naraw ukoll f'din l-edizzjoni li tliet subien oħra ngħaqdu mal-Piccolo Clero – kif tradizzjonalment jissejjaħ – biex jibdew jagħtu s-servizz tagħhom fil-Bażilika.

Ejjew napprezzaw dan is-servizz li qed isir minn dawn it-tfal u adolexxenti tal-Parroċċa li jagħtu minn ħinhom biex ikollna liturġija sabiħa. Insellmu wkoll lill-ġenituri li b'impenn kontinwu jakkumpanjaw lil uliedhom ħalli jattendu għas-servizzi kollha.

Is-servizz tal-abbatini, barra li huwa ta' siwi kbir għal-liturġija, hu wkoll mezz biex l-abbati jitqarreb aktar minn kulħadd lejn l-altar u jifhem aktar l-importanza tal-liturġija u l-vokazzjoni saċerdotali. Għalhekk huwa fundamentali li l-preparazzjoni u l-familjarità mas-sinjali liturġiċi u t-tifsira tagħhom tkun waħda b'saħħitha, possibbilment bl-akkumpanjament kontinwu ta' saċerdot li jsegwi l-formazzjoni tagħhom.

Mhux wieħed jew tnejn kienu l-abbatini fil-Parroċċa li tul iż-żmien ħassew l-ewwel ġibda għas-saċerdozju tul iż-żmien tas-servizz tagħhom bħala abbatini. Jalla f'dawn iż-żminijiet ukoll, il-Piccolo Clero – kif jixhed dan l-isem – jibqa' għajn ta' vokazzjonijiet saċerdotali u ta' trobbija tajba msejsa fuq it-tagħlim tal-Vanġelu u l-prinċipji Nsara.

**Għal min jixtieq, kull ħarġa dejjem tkun disponibbli f'verżjoni diġitali fuq www.stgeorge.org.mt jew fuq www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/43928**



INFORMAZZJONI

IL-BELT VICTORIA hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI

Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
*Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-Bord Editorjali*

REKLAMAR

Frank Schembri - franklbv@gmail.com

FOTOGRAFIJA

Joe Attard, Andrea Camilleri, Toni Farrugia, Andrew Formosa

KUNTATT

Uffiċċju Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, il-Belt Victoria VCT 1200, Għawdex
www.stgeorge.org.mt | Leħen il-Belt Victoria, 104FM

MESSAĠĠ



# IL-ĦAJJA MOĦBIJA

L-Arċipriet Joseph Curmi

Mill-ħajja ta' Kristu ma nafu xejn għajr ftit dettalji minn ftit snin ta' ħajtu fuq din l-art. Imma fl-istess ħin, il-ħajja moħbija tiegħu tinġabar kollha fil-ftit mumenti pubbliċi, fl-azzjonijiet u fil-kliem tiegħu. Il-ħajja moħbija ssawwar il-pedament ta' dak kollu li aħna u li nagħmlu. Iż-żmien li kull wieħed jgħaddi b'mod personali u mingħajr l-għajn tal-oħrajn fuqu kapaċi jkun l-iktar żmien importanti. L-iktar żmien importanti ta' pjanist mhux il-kunċert, imma l-preparazzjoni għalih. L-iktar mument importanti ta' koppja mhux it-tieġ, iżda l-mumenti li fihom tibda u tinbena bil-mod il-mod u b'ħafna impenn ir-relazzjoni. L-iktar mument importanti ta' student mhux il-gradwazzjoni, iżda ż-żmien tal-istudju. U dan kollu jsir fil-moħbi. Din hi l-ħajja moħbija li tkabbar bil-mod lill-persuni.

**Id-djar tagħna**

Bejn l-erba' ħitan tad-djar tagħna hemm ħajja moħbija li għandha l-ħila tibni jew tħott soċjetà. Fis-satra tad-djar it-tfal jitgħallmu jkunu persuni b'fidi u b'valuri jew inkella mingħajrhom. Fid-dar tinħema l-imħabba vera b'tant sagrifiċċji żgħar u kbar li jsiru fis-skiet. Mill-bieb 'il ġewwa titrawwam il-maturità li tagħti l-frott jew inkella jinħolqu feriti li diffiċli jingħalqu. Il-ħajja moħbija tad-djar tagħna hemm bżonn li nikkurawha ħafna iktar mill-ħajja miftuħa u pubblika. F'dinja fejn nippubblikaw biss dak kollu li jaqblilna u nirtukkjawh biex jidher aħjar, hemm bżonn li nagħtu iktar prijorità lill-interjorità tagħna, dak li qed jiġri fil-qalb. Kif jgħid Kristu f'Mt 15:11, mhux dak li jidħol minn barra li jtebba' lill-bniedem, iżda dak li joħroġ minn ġew. Il-Vanġelu kapaċi jinfed fil-postijiet ta' qalbna li kontinwament naħarbu minnhom. Jekk nagħtu ċans lil Kristu, kapaċi jidħol fil-ħajja moħbija tagħna, fis-sagrifiċċji, fil-ferħ, fil-weġgħat, fil-ħsibijiet u fit-tentazzjonijiet, u jġib ftit ordni u sens.

**Il-Parroċċa tagħna**

Anki l-Parroċċa hi dar li għandha l-parti l-kbira tal-ħajja tagħha moħbija. Minn qabel titla' x-xemx sa wara li tinżel, il-Parroċċa jkollha għaddejjin fiha attivitajiet, xogħol u rikkezzi li ftit biss huma konxji minnhom. U proprjament dawn huma l-iktar mumenti essenzjali li jagħtu sens lil dak kollu li jsir fil-pubbliku. Fis-satra tal-konfessjonarju, ta' kuljum nies jinħelsu minn dnubiethom. Quddiem it-tabernaklu, ta' kuljum nies iferrgħu qalbhom bil-ferħ u n-niket f'adorazzjoni lil Alla. Ta' kuljum nies voluntiera jagħmluha possibbli li bniedem li jidħol il-knisja jsib ambjent jilqgħu. Nies iddedikati jieħdu ħsieb li turisti li jidħlu jirrispettaw id-dar ta' Alla. Saċerdoti fis-skiet ta' darhom jieħdu ħsieb jippreparaw il-liturġija għall-poplu. Hekk kif il-ħajja ta' barra tibda tintefa, jibdew ġejjin persuni minn adolexxenti sa adulti li fi gruppi jinġabru kull ġimgħa madwar il-Kelma ta' Alla. Fis-skiet, patrijiet u saċerdoti jmorru jqarbnu xi anzjani, u nies iżuru lill-ġirien biex jaraw għandhomx bżonn xi ħaġa. Din hi l-ħajja li tfassal parroċċa ħajja u li tagħmel differenza fil-ħajja tan-nies. Din hi l-ħajja moħbija li mbagħad tagħti sens lil dik pubblika biex din tal-aħħar ma tkunx biss qoxra sabiħa.

Għalhekk hu ferm importanti li nibqgħu ninvestu kemm b'mod personali u kemm parrokkjali fil-ħajja interjuri moħbija, għax minn hemm joħroġ is-sens veru ta' kollox. Il-ferħ jinsab fil-qalb, imbagħad jiġi ċċelebrat fuq barra. Il-Mulej u San Ġorġ ikomplu jbierku d-djar tagħna, il-familji tagħna u l-Parroċċa tagħna b'ħajja moħbija f'saħħitha.

# KRONAKA PARROKKJALI

## MEMBRI ĠODDA
fil-komunità parrokkjali

**16/09/2023** **Kayn** bin Aaron Touarha u Naomi Bajada
**16/09/2023** **Jack** bin Aaron Mario Buttigieg u Stephanie M. Spiteri
**07/10/2023** **Soleil Marie** bint Frank Anthony Tabone u Sarah Dimech
**22/10/2023** **Eli** bin Brandon S. Azzopardi u Diane Sultana
**28/10/2023** **Ġiġa Lucy** bint Jamie Patrick Thompson u Louise Mary Wheeler
**17/11/2023** **Elizabeth** bint James Scerri u Antoinette Buttigieg
**03/12/2023** **Amaia** bint Michael George Zammit u Josianne Vella
**22/12/2023** **Giuseppe** bin John Borg u Maria Cremona

## Ingħaqdu fis-sagrament TAŻ-ŻWIEĠ

**30/09/2023** **Oliver Saliba** u **Anna Marie Galea**

## Marru jingħaqdu ma' KRISTU RXOXT

**01/09/2023 George Gatt**
**09/09/2023 Sally Mercieca**
**26/10/2023 Lawrence Buttigieg**
**08/11/2023 Emanuel Grech**
**19/11/2023 Salvatore Grima**
**04/12/2023 Carmel Farrugia**
**08/12/2023 Anthony Cefai**
**22/12/2023 Maurice Borg**
**26/12/2023 Carmelo Schembri**

**DONAZZJONIJIET**
George Fenech: €80 | Joseph/Charles Sultana: €75 | James Camilleri: €75 | John Mercieca: €50 | G. Cini: €50 | Tony Spiteri: €25 | George Attard: €20

# ALBUM MILL-ĦAJJA PASTORALI



KRONAKA

Settembru – Diċembru 2023

1. Din is-sena, bil-preżenza ta' Patri Martin Cilia MSSP li qed jagħti daqqa t'id fil-pastorali mal-familji, il-laqgħat perjodiċi tal-ġenituri tal-Preċett u tal-Griżma qed jitmexxew minnu. L-Arċipriet għamel laqgħa ta' introduzzjoni u merħba fil-5 ta' Ottubru, li biha bdiet il-mixja ta' katekeżi għat-tfal li ħa jirċievu s-sagramenti.

2. Il-katekisti tal-Preċett minn din is-sena huma akkumpanjati minn Dun Joseph Mercieca, Vigarju Parrokkjali. Fl-Avvent, huma ppreparaw mat-tfal girlanda tal-Avvent li mbagħad intużat waqt il-Liturġija tal-Ħadd għat-tfal.

3. Il-propedewtiku Simon Zammit mill-Parroċċa tax-Xagħra matul din is-sena qed jagħmel esperjenza pastorali fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, fejn fost l-oħrajn jgħin fil-Quddiesa ta' kull nhar ta' Ħadd għat-tfal u l-familji.

4. Fl-okkażjoni tat-800 anniversarju tal-ewwel rappreżentazzjoni tal-Presepju minn San Franġisk ta' Assisi, in-Novena tal-Milied iffukat fuq din it-tema, fejn f'kull ġurnata persunaġġ liebes ta' San Franġisk spjega lil dawk preżenti s-sinifikat iktar profond tal-presepju mibni biċċa biċċa b'mod ħaj fuq il-presbiterju.

5. Fis-17 ta' Diċembru, it-tielet jum tan-Novena tal-Milied, saret il-Vestizzjoni ta' tliet abbatini ġodda għall-Bażilika: George Abela, Jake Camilleri u Adam Mercieca.

6. Din is-sena, id-Dimostrazzjoni tal-Bambin Ġesù organizzata mill-membri tal-Museum saret kemxejn differenti mis-soltu. Din inżammet għad-dawl tax-xemx il-Ħadd 24 ta' Diċembru, lejlet il-Milied, bis-sehem tat-tfal u l-familji kollha li attendew għan-Novena. Fi tmiem il-quddiesa tal-10.00am dawn ħallew il-Bażilika u ġabru l-Bambin mill-Qasam tal-Museum tal-Bniet fi Triq Palma, mnejn akkumpanjati bl-għanjiet tal-Milied mill-alljievi tal-Banda La Stella, imxew lejn Pjazza San Ġorġ. Hawn saret rappreżentazzjoni ħelwa tal-ewwel Presepju ta' San Franġisk ta' Assisi.

7. Fil-Quddiesa ta' Nofsillejl tal-Milied, l-abbati Eman George Camilleri għamel il-Prietka tradizzjonali tat-Tifel. Eman George issa hu wkoll il-Prefett il-ġdid tal-Piccolo Clero tal-Bażilika.

*Ħajr lil Sam Cefai għal uħud mir-ritratti*



1



2



3



4



5



6



7

## NIFIRĦU LIL...








- Il-Kan. **Richard N. Farrugia**, mill-Parroċċa tat-Twelid tal-Verġni Marija, ix-Xagħra, li sa minn Novembru 2016 għen bħala Kollaboratur Parrokkjali fil-Parroċċa tagħna, li fit-12 ta' Settembru 2023 ġie maħtur mill-Isqof bħala Arċipriet tal-Parroċċa tax-Xagħra.

- **Dun Joseph Mercieca**, saċerdot tal-Parroċċa tagħna, li fit-12 ta' Settembru ġie maħtur bħala Vigarju Parrokkjali fil-Parroċċa tagħna. Inroddu ħajr lil Mons. Anton Borg li għall-aħħar 13-il sena ta servizz f'dan ir-rwol.

- **Dun John Vella**, mill-Parroċċa tagħna, li fit-12 ta' Settembru ġie maħtur bħala Kappillan tal-Korp tal-Pulizija f'Għawdex, rwol li sa mewtu kien iwettaq b'dedikazzjoni kbira Mons. Pawlu Cardona, eks Arċipriet ta' San Ġorġ.

- **Patri Etienne Gilson OFMCONV**, li fil-Kapitlu Provinċjali tal-Franġiskani Konventwali Maltin li ntemm lejn l-aħħar ta' Ottubru, ġie maħtur Gwardjan tal-Komunità Franġiskana Konventwali tal-Belt Victoria, fejn ilu jaqdi għall-aħħar snin. Hu kien ukoll ta' għajnuna siewja fil-ħidma pastorali fil-Parroċċa tagħna, speċjalment bħala katekista. Sens ta' ħajr u apprezzament imur ukoll għal Patri Joe Xerri OFMCONV, li serva bħala Gwardjan għal diversi snin, u li issa ġie assenjat f'komunità oħra.

- **Lorrie Saliba,** għal bosta snin Group Scout Leader tal-Victoria Scout Group, li fl-okkażjoni ta' Jum Għawdex fit-28 ta' Ottubru, ingħata Ġieħ Għawdex mill-President ta' Malta Dr George Vella waqt ċerimonja fiċ-Circolo Gozitano.

- **Mons. Dr Joseph Zammit**, membru tal-Kapitlu u l-presbiterju Ġorġjan, li fid-29 ta' Ottubru ħa l-pussess bħala Monsinjur Kuġitur tal-Kapitlu Katidrali, u minn Settembru ġie mitlub jgħin ukoll bħala Kollaboratur fir-Rettorija ta' San Pawl Nawfragu, Marsalforn.

- **Mons. Alfred Xuereb**, għal dawn l-aħħar ħames snin Nunzju Appostoliku fil-Korea u l-Mongolja, li nhar it-8 ta' Diċembru, Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni, il-Q.T. il-Papa Franġisku ħatru Nunzju Appostoliku fil-Marokk.

# CHRISTMAS LOADING 2023



KRONAKA

Wallace Camilleri

L-attività *Christmas Loading* issir kull sena fl-ewwel weekend tal-Avvent fi Pjazza San Ġorġ, u tkun mifruxa fuq jumejn: is-Sibt il-ġurnata kollha u l-Ħadd in-nofstanhar ta' filgħodu. Din is-sena ħabtu fit-2 u t-3 ta' Diċembru 2023. Din l-attività tiġi mtellgħa mil-Grupp 23four li jieħu ħsieb l-adolexxenti u ż-żgħażagħ fi ħdan il-Parroċċa ta' San Ġorġ. L-għan prinċipali ta' din l-attività hu illi tħejji u ddaħħal iktar lill-poplu, speċifikament l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, għal żmien l-Avvent. Dan mhuwiex żmien kwalunkwe, imma staġun importanti ħafna fil-kalendarju liturġiku, allura tajjeb illi wieħed ikun ippreparat u jirrealizza s-sinifikat sabiħ tiegħu.

L-ewwel u qabel kollox, il-preparamenti ma kinux ftit. Kull membru tal-Grupp 23four kellu l-irwol tiegħu biex l-attività tkun iktar organizzata. Iż-żgħażagħ ġew imħeġġin u kienu huma stess parti mill-preparamenti. Il-ġenituri tagħhom u l-poplu b'mod ġenerali ġie mħeġġeġ ukoll sabiex jipprepara, isajjar u jaħmi prodotti tal-ikel sabiex jiġu mibjugħin f'din l-attività.

L-atmosfera waqt l-attività kienet waħda akkoljenti u sabiħa ħafna. Fil-ħin kollu l-Grupp biegħ prodotti u xarbiet sħan li ġew ippreparati kemm mill-adolexxnti u ż-żgħażagħ flimkien mal-leaders tagħhom u kemm mill-parruċċani stess. F'xi ħinijiet kien hemm ukoll xi krafts, face painting u logħob għat-tfal. Min xtaq seta' wkoll jieħu ritratt tiegħu bħala tifkira ta' din l-attività. Is-Sibt filgħaxija wieħed seta' jkompli jidħol iktar fl-ispirtu tal-Milied b'mużika live mill-kantanta Eliza Stellini u l-pjanist Steve Buttigieg. Għad-9.30pm din l-atmosfera nbidlet f'waħda iktar spiritwali, b'mument ta' adorazzjoni fis-skiet fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Dritt wara l-adorazzjoni kienet organizzata quddiesa għad-dawl tax-xemgħa mmexxija minn Patri Martin Cilia MSSP. L-attività ntemmet l-għada l-Ħadd għall-ħabta ta' nofsinhar.

Is-somma finali miġbura kienet dik ta' €4,200. Matul is-sena dawn il-flus ser ikunu ta' għajnuna kemm għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ u kemm għall-bżonnijiet ta' kuljum tal-Parroċċa. Is-suċċess ma kienx biss fl-ammont miġbur, imma wkoll fil-parteċipazzjoni tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ magħquda flimkien għal għan wieħed.





F'faċċata tar-rivista *L-Immakulata* li fil-bidu tas-seklu l-ieħor kienu joħorġu l-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini Maltin, proprju fil-ħarġa tal-1 ta' Mejju 1912 (L-Ewwel Sena, Nru 7), kien deher ritratt antik tal-istatwa titulari ta' San Ġorġ, flimkien ma' artiklu bl-isem "San Ġorġ kbir martri tal-fidi" (pp. 99-101), li jagħti tagħrif fuq il-ħajja u l-kult universali u lokali tal-qaddis. *Grazzi lis-Sur Ġużeppi Formosa li ġibdilna l-attenzjoni dwar dan l-artiklu, riprodott hawn fl-interità tiegħu kif deher f'dik il-pubblikazzjoni.*



S. Giorg cbir martri tal fidi



San Giorg Martiri



ATTWALITÀ



# IS-SINODU TAS-SINODALITÀ: REALTÀ ĠDIDA FIL-KNISJA KATTOLIKA

Il-Kan. Geoffrey G. Attard



Is-Sinodu dwar is-Sinodalità hu meqjus bħala l-akbar proġett tal-pontifikat tal-Papa Franġisku. L-għan tiegħu hu li l-Knisja kollha jkollha sehem u tipparteċipa fl-Assemblea Ordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet u li tiffoka fuq is-suġġett tas-sinodalità nfisha. Il-Knejjes lokali bdew jieħdu sehem fil-proċess sa minn kmieni, fejn l-Isqof f'kull djoċesi tad-dinja ċċelebra l-istess programm tal-Papa billi fetaħ l-ewwel sessjoni għal żmien ta' riflessjoni, segwit minn talb liturġiku u ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija.

Fis-7 ta' Marzu 2020 il-Papa ħabbru għall-ewwel darba – qrib is-Solennità ta' Pentekoste, meta bdew l-ewwel tħejjijiet. Hemm min qed jgħid li s-sinodalità, f'xi knejjes partikulari, qatt ma hu se tasal minħabba fil-kundizzjonijiet materjali jew oġġettivi tal-Knisja lokali li ma tkunx tippermetti ċelebrazzjonijiet ta' sinodi nazzjonali jew djoċesani. Il-Vatikan ħejja *handbook* u dokument preparatorju għal qabel il-ftuħ tas-Sinodu tal-Isqfijiet. Il-Papa Franġisku qed isejjaħ lill-Knisja kollha biex tirrifletti u tqassam dokumenti fil-parroċċi biex il-lajċi jgħidu kif jifhmuha dwar diversi suġġetti importanti li jmissu l-Knisja.

Hi l-missjoni tal-Knisja li tkun strument sabiex iddewwi l-ġrieħi ta' dawk li huma fil-periferji – l-għażla tal-Knisja hi dejjem l-għażla favur il-foqra, li ma jfissirx biss dawk li jbatu minn faqar materjali iżda wkoll dawk li għadhom isofru minn weġgħat tal-passat, fejn hemm relazzjonijiet imkissra, dawk li huma emarġinati u mwarrbin mis-soċjetà, dawk li huma waħedhom, oħrajn li jbatu minn trawmi u abbużi. Hu d-dmir tal-Knisja li taqra s-sinjali taż-żminijiet u twassal l-Aħbar it-Tajba b'mod li l-ispiritwalità Nisranija tgħin sabiex il-bniedem jiżviluppa b'mod sħiħ. Fuq l-imitazzjoni ta' din "l-ikona ta' Għemmaws", il-Knisja trid tisma', tilqa'/tiltaqa', takkumpanja u toħroġ. Dawn għandhom ikunu l-erba' pilastri u ħidmiet tal-Knisja fis-soċjetà tagħna.

L-ewwel nett, il-Knisja trid tisma' lil Alla jkellimha permezz tal-Kotba Mqaddsa. Kif qal il-Papa Franġisku, "jeħtieġ nitrawmu kontinwament fis-smigħ tal-Kelma" (*Evangelii gaudium*, 174). Hu permezz tas-smigħ tal-Kelma ta' Alla li sseħħ fina bidla ġenwina, li aħna jkollna l-forma ta' Ġesù Kristu. Il-Knisja tista' tkun omm li tisma' jekk l-ewwel tkun li hi waqfet biex tisma' l-Kelma ta' Alla. L-istess Sinodu li l-Papa Franġisku qed isejjaħ f'Ruma huwa prova oħra ta' kemm l-Isqof ta' Ruma jixtieq li l-Knisja tal-ġejjieni tkun tassew Knisja li tisma'.

**X'qal il-Kardinal Mario Grech**

Il-Kardinal Għawdxi Mario Grech, Segretarju Ġenerali tas-Sinodu, stqarr li minn ħdan dan il-proċess se titnissel "Knisja differenti". F'intervista esklussiva li ta lir-rivista *America*, il-Kardinal Grech kien irrivela fi profondità ġdida l-pjanijiet għall-fażi kontinentali u l-fażi Rumana tal-proċess sinodali globali, li seħħu matul din is-sena. Hu kkummenta wkoll fuq proposti ta' sinodi passati, inkluż dawk li kkunsidraw l-irġiel miżżewġa msejħa *viri probati* għas-saċerdozju u l-promozzjoni ta' ministeri usa' għan-nisa.

**Konverżjoni sinodali**

Il-Papa Franġisku, fid-dokument programmatiku tal-papat tiegħu, jiġifieri l-Eżortazzjoni *Evangelii gaudium*, enfasizza l-ħtieġa għall-konverżjoni fuq il-livelli kollha tal-Knisja, ibda mill-individwi u spiċċa fil-knejjes lokali u l-papat. Il-Kardinal Grech enfasizza li s-smigħ għal dan kollu li qed isir ma jfissirx li "kulħadd jista' jgħid dak kollu li jrid", imma li "l-Knisja jeħtieġ li tisma' dak li l-Ispirtu s-Santu qed jikkomunikalha" permezz tas-smigħ u s-sessjonijiet tad-dixxerniment ħalli ssir "Knisja aktar sinodali". "Jekk irrid nagħti l-kontribut tiegħi bħala mgħammed jew mgħammda", stqarr il-Kardinal, "jeħtieġ li nkun konvint fil-kuxjenza tiegħi li dak li qed nikkomunika huwa r-rieda ta' Alla u mhux sempliċi opinjoni". Id-dixxerniment ekkleżjali jgħin biex dan jinbidel f'konverżazzjoni spiritwali.

**Missjunarji diġitali**

Bidla oħra f'sinodi riċenti, imma l-aktar f'dan is-sinodu, hija l-mod kif il-Vatikan juża l-internet. Dan seħħ l-aktar meta stħarriġ ġie ċċirkulat qabel is-Sinodu tas-sena 2018 dwar iż-żgħażagħ. Huwa u jitkellem dwar l-inizjattiva biex jiġi mwessa' t-tentattiv għal aktar smigħ bis-sehem ta' midja soċjali Kattolika influwenti, il-Kardinal Grech stqarr: "Naħseb kien mument qawwi u ta' suċċess". Spjega li kienet inizjattiva meħuda mid-Dikasteru tal-Vatikan għall-Komunikazzjoni organizzata minn Mons. Lucio Ruiz li wasslet għal dan. Hu rnexxielu jorganizza grupp ta' influencers li anki sejħilhom "missjunarji diġitali". Wara preparazzjoni twila, talabhom biex jgħinu lill-Knisja toħroġ u tagħmel lilha nfisha disponibbli biex tisma' lil dawk li prattikament ma jiġux knisja. Il-Kardinal Grech stqarr li hu sab dan il-proġett tassew interessanti għaliex "ma kienx l-isqof li mar wara l-poplu, imma l-poplu li huwa interessat fil-Knisja u daħal f'komunikazzjoni mal-influencers u kkontribwixxa għall-proċess".

**Fażijiet**

Il-Papa Franġisku ta bidu għas-Sinodu dwar is-Sinodalità f'Ottubru 2021 bħala ħidma universali li matulha l-Kattoliċi jiġu mħeġġa jagħtu feedback lid-djoċesijiet lokali tagħhom. Il-proċess massiv mifrux fuq diversi snin huwa maqsum f'diversi fażijiet. Il-fażi inizjali djoċesana ta' smigħ kienet konkluża bil-parteċipazzjoni ta' 112 minn fost il-114-il konferenza episkopali tal-isqfijiet, skont is-Segretarjat Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet.

It-tieni fażi, dik kontinentali, saret bejn Settembru 2022 u Marzu 2023. F'dan l-istadju, l-Assemblej Sinodali Kontinentali kienu msejħa bejn Jannar u Marzu. Is-Segretarjat Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet ddeskriva dawn l-Assemblej Kontinentali bħala laqgħat "sabiex wieħed jerġa' jaqra l-vjaġġ li jkun sar u wieħed ikompli jisma' u jiddixxerni... u jipproċedi fi qbil mal-ispeċifitajiet soċjokulturali tar-reġjuni rispettivi tagħhom". Id-*Documento per la Tappa Continentale* kellu l-għan li jiggwida l-fażi tad-diskussjonijiet kontinentali. Id-dokument inħadem mid-diriġenti tas-Sinodu, mill-Kumitat Konsultorju u minn grupp ta' madwar għoxrin espert.



L-Assemblej Kontinentali ltaqgħu bejn Jannar u Marzu 2023. Meta l-Kardinal Grech kien mistoqsi x'se jiġri f'dawn l-assemblej kontinentali, hu stqarr li ma jistax jagħti risposta konkreta. Madankollu hu stqarr li l-uffiċju tiegħu fil-Vatikan "ta l-indikazzjoni li se jkun hemm żewġ mumenti u dawn jikkonsistu f'assemblea ekkleżjali u mument għall-isqfijiet". Fl-assemblea ekkleżjali "n-nies ikunu ġejjin minn kull konferenza episkopali: lajċi, kleru, reliġjużi, persuni kkonsagrati. Dan hu l-poplu ta' Alla. L-isqfijiet jeħtieġ li jisimgħu lin-nies fl-assemblea u mbagħad jaslu għall-konklużjonijiet". Enfasizza li "m'aħniex nipprovdu l-istess kriterji għal kull assemblea kontinentali... Huma jippreżentaw il-konklużjonijiet tagħhom u jibagħtuhom lill-uffiċju tagħna".

It-tielet fażi tal-proċess sinodali seħħet f'Ottubru 2023 fil-Vatikan. Kienet tikkonsisti prinċipalment fl-Assemblea tal-Isqfijiet, għalkemm kien hemm oħrajn mistiedna. Il-Kardinal Grech kien ġa wera t-tama li s-sena l-ġdida 2023 tkun sena li fiha "nrodd ħajr lil Alla għall-ġid li qed isir mis-Sinodu u għall-frott li diġà qed jidher". Hu semma li minkejja li t-tmiem għadu fil-bogħod, diġà wieħed għandu jrodd ħajr lil Alla għall-ġid li qed jinkiseb mis-Sinodu. Il-Papa Franġisku rrefera għat-teologu Dumnikan Yves Congar meta dan qal: "Ma hemmx bżonn li noħolqu Knisja oħra, imma li noħolqu Knisja differenti". Dwar dan, il-Kardinal stqarr li jaqbel ma' Congar u li dan għandu jkun il-każ. L-importanti hu li nħallu lill-Ispirtu s-Santu jaħdem fis-Sinodu. Fl-aħħar nett qal: "Iva, qed naraw titwieled Knisja differenti: Knisja li qed issir taf aktar lilha nfisha".

**Is-Sinodu estiż**

Huwa u jitkellem waqt l-indirizz tiegħu tal-Angelus nhar is-16 ta' Ottubru 2022, Tifkira liturġika ta' Santa Marija Alacoque, il-Papa Franġisku qasam mad-dinja d-deċiżjoni tiegħu li jaqsam is-Sinodu tal-Isqfijiet f'żewġ sessjonijiet li jiltaqgħu f'Ruma matul Ottubru 2023 u Ottubru 2024. Hu qal li b'dan il-mod is-Sinodu hu estiż għal sena aktar milli kien oriġinarjament ipprogrammat.

Il-Papa stqarr li hu kien qed jagħmel din id-deċiżjoni "sabiex ikollu perjodu aktar rilassat ta' dixxerniment". "Il-frott tal-proċess sinodali għadu jinġabar u allura jeħtieġ li jasal għall-maturità. Hu importanti għalhekk li dan ma jsirx bl-għaġla", stqarr Franġisku. "Nittama li din id-deċiżjoni tippromovi għarfien aħjar tas-sinodalità bħala dimensjoni kostituttiva tal-Knisja u tgħin lil kulħadd jgħix f'dan il-vjaġġ ta' aħwa li jxandru l-ferħ tal-Vanġelu", kompla jgħid.

L-ewwel miż-żewġ sessjonijiet tas-16-il Assemblea Ordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet saret bejn l-4 u d-29 ta' Ottubru 2023, u flimkien ma' dik ta' Ottubru 2024 trid twassal lill-isqfijiet kollha minn madwar id-dinja sabiex jiddiskutu u jippreparaw dokument li jkun ta' dawl għall-Papa.

**L-Instrumentum Laboris**

Il-fażi finali, dik universali, bdiet bis-16-il Assemblea Ordinarja Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet fil-Vatikan f'Ottubru 2023 u tkompli f'Ottubru 2024. Id-dokument tal-*Instrumentum Laboris*, ta' madwar 60 paġna, ippreżentat f'Konferenza Stampa fil-Vatikan, jiġbor l-esperjenzi tal-Knejjes lokali f'kull parti tad-dinja, minn dawk li qed iġarrbu gwerer u bidliet fil-klima għal sistemi ekonomiċi diskriminatorji; minn dawk f'minoranza u ppersegwitati, għal dawk li nħakmu minn sekularizzazzjoni qawwija u vjolenti; minn dawk midruba

*jissokta f'paġna 11...*

SAN ĠORĠ



# VOLUM IEĦOR TA' TAGĦLIM IMPREZZABBLI DWAR SAN ĠORĠ

Riċensjoni ta' Francesco Pio Attard

**Ġużeppi Gauci**, ***Ir-Rebbieħ li għadu jirbaħ. X'kitbu u x'qalu dwar San Ġorġ Megalomartri***, **Horizons, Gutenberg Press, Malta 2023, 523 pp., illustrat**




Ma hemmx dubju, li kellek iddur il-gżejjer tagħna kollha, mhux ħa ssib persuna midħla iktar tal-figura storika u l-personalità aġjografika ta' San Ġorġ Martri minn Mons. Ġużeppi Gauci. Għal snin fuq snin ilu issa jkabbar il-kollezzjoni privata tiegħu *San Ġorġ fl-Arti u l-Kultura*, li fi kliemu stess, ma hix sempliċiment ġabra ta' oġġetti ta' kull għamla immaġinabbli bix-xbieha tal-qaddis tagħna, imma wkoll ta' kitbiet ta' siwi kbir fl-istudju tal-persuna storika u r-relevanza teoloġika tal-Qaddis ta' Lidda.

Permezz tar-riċerka serja u diliġenti tiegħu Mons. Gauci dejjem xtaq li, lil hemm mid-devozzjoni popolari, jipprovdi lill-poplu tagħna b'għarfien iktar profond ta' min hu San Ġorġ, il-qima lejh, u kif dan kollu hu xhieda ta' kemm tassew hi kbira r-relevanza tiegħu fit-tradizzjoni Nisranija. Bl-għan li jagħmel dan, dan is-saċerdot Ġorġjan Għawdxi mal-medda tas-snin ippubblika kemm felaħ artikli u studji dwar San Ġorġ, li biċċa sew minnhom dehru wkoll f'din ir-Rivista parrokkjali kif ukoll fil-Ktejjeb annwali tal-Festa maħruġ mis-Soċjetà La Stella. Dan biex ma nsemmux il-predikazzjoni mħeġġa fil-knejjes u l-programmi assidwi fuq ir-radju li bihom kompla jxerred tagħlim dwar il-misteru Ġorġjan imsejjes fuq sorsi attendibbli u tagħrif xjentifiku.

Xi wħud minna, fl-idea fqira li għandhom tal-kult Nisrani u l-istorja tal-Kristjaneżmu, forsi jaħsbu li dan il-fervur kollu għall-Qaddis Martri hu limitat għal xi ossessjoni provinċjali; imma ħarsa ħafifa lejn il-globu Nisrani tkun biżżejjed bħala xhieda tar-rilevanza universali tiegħu, li saħansitra tmur lil hemm mill-fruntieri tal-fidi Nisranija. Il-kontribut tassew siewi li Dun Ġużepp ta f'dan il-qasam ma jistax ħlief jiġi ammirat u apprezzat, għax il-legat ta' tagħlim dwar San Ġorġ li qed iħalli ma tistax tikkwantifikah.

Pass importanti f'din l-iskola Ġorġjana tista' tgħid li kien il-pubblikazzjoni fis-sena 2006 tal-ktieb *Il-Prinċep tal-Martri*, b'tagħrif, tagħlim u talb dwar San Ġorġ. Madankollu, l-awtur kien ilu joħlom li jiġbor fi ktieb iktar voluminuż u b'mod iktar sistematiku damma usa' ta' materjal li ilu jaħdem fuqu s-snin, u li parti minnu ppubblikaha f'artikli separati fuq din ir-rivista wkoll.

Il-pubblikazzjoni riċenti *Ir-Rebbieħ li għadu jirbaħ. X'kitbu u x'qalu dwar San Ġorġ Megalomartri*, mitbugħa f'volum ta' 523 paġna minn Horizons, hi tassew monument ieħor ta' letteratura Ġorġjana fl-ilsien tagħna. Hawn, kif jixhed it-titlu tal-ktieb, l-awtur ġabar kitbiet importanti ta' natura jew kuntest liturġiku dwar il-qaddis, li dehru tul l-elfejn sena ta' storja ta' Kristjaneżmu. Dawn hu qassamhom f'erba' taqsimiet kbar: 20 prietka, fost l-oħrajn ta' qaddisin u għorrief tal-Knisja; 54 testi ta' Brevjarji; 25 test liturġiku ieħor minn Martiroloġji – kotba liturġiċi li jiġbru bħal listi tal-qaddisin skont it-tifkiriet tagħhom fil-kalendarju tal-Knisja; u 5 testi liturġiċi ta' Sagramentarji, jew Missali.

Il-prietki huma senduq mill-aktar għani ta' għerf u tagħlim dwar San Ġorġ. L-ismijiet ivarjaw minn dawk ċelebri li mhux darba u tnejn nisimgħu kkwotati fl-omeliji dwar il-qaddis fil-jiem tal-Festa: bħal Sant'Andrija ta' Kreta, San Pietru Damjan, San Viċenz Ferrer u San Lawrenz Ġustinjani, imma jaslu wkoll sa żmienna, fejn fost l-oħrajn ġew inklużi prietki tal-isqfijiet lokali. Hawn hu ovvju li l-awtur kellu jagħmel għażla minn fost ħafna oħra ta' dawk il-prietki li, kemm minħabba r-rilevanza storika tagħhom u kemm minħabba l-kontenut partikulari, bejniethom jiġbru dawk il-valuri evanġeliċi li jispikkaw fil-qaddis tagħna u jagħmluh dejjem iżjed attwali fil-messaġġ Nisrani li joffri.

It-tliet kapitli l-oħra, kif għidna, jiġbru bejniethom fost l-isbaħ testi liturġiċi, ibda mill-eqdem fejn tidħol il-Knisja tal-Punent, miktuba matul is-sekli għat-Tifkira jew Solennità liturġika tal-qaddis. Waħidhom dawn huma xhieda biżżejjed ta' kemm hu antik u universali l-kult ta' San Ġorġ. Fil-parti l-kbira, dawn il-kitbiet, li l-awtur spiss l-ewwel jikkwota fil-lingwa oriġinali, normalment il-Latin, u mbagħad jagħti fi traduzzjoni tiegħu għall-Malti, għalkemm għandhom xebh bejniethom, juru kif isem San Ġorġ infirex minn post għall-ieħor fid-dinja Nisranija

u ġie b'xi mod "inkulturat" fit-tradizzjoni liturġika u oranti tal-post. Il-kolletti u talbiet, l-antifoni, il-lezzjonijiet u l-bqija tat-testi liturġiċi jiġbru fihom għana ta' tagħlim u ta' patrimonju Nisrani li bla dubju jixhed għall-għożża li tant popli għandhom għal San Ġorġ.

L-awtur jgħinna nifhmu aktar ir-rilevanza ta' dawn it-testi u kitbiet permezz ta' daħla għal kull kapitlu. Xi ritratti 'l hawn u 'l hemm jillustraw il-ktieb, li għandu qoxra iebsa u preżentazzjoni pulita tassew, hekk li ma nkunx nistagħġeb jekk inżid li hu l-aktar pubblikazzjoni sabiħa u aġġornata dwar San Ġorġ li għandna f'idejna kollha bil-Malti.

Fl-aħħar mill-aħħar, hemm ix-xewqa li għandu l-awtur għal kull min jaqbad f'idejh dan il-ktieb: mhux biss li nistudjaw bir-reqqa t-tagħlim li t-tradizzjoni Nisranija toffrilna dwar San Ġorġ fl-ambitu liturġiku, imma fuq kollox li permezz tiegħu nagħrfu nimitaw ir-rebħa dejjiema li hu jibqa' jagħmel f'kull żmien fi Kristu Rxoxt, li tiegħu hu l-aktar martri eżemplari.



Jippreżenta kopja lill-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma.

...jaqbad minn paġna 9

mill-pjaga tal-abbużi sesswali kif ukoll tal-poter u l-kuxjenza, għal dawk fejn hemm tensjonijiet bejn diversi fazzjonijiet anki interni. L-*Instrumentum laboris* serva ta' bażi għall-ħidma tal-parteċipanti tal-Assemblea Ġenerali tas-Sinodu fuq is-Sinodalità, fejn għall-ewwel darba kien sinifikattiv is-sehem ta' fuq 70 lajk u lajka flimkien mal-għadd ta' isqfijiet mill-Konferenzi Episkopali.

**Id-diskors ta' Timothy Radcliffe OP**

"L-aktar żmien fertili tas-Sinodu dwar is-sinodalità se jkun qabel l-assemblea li jmiss". Dan id-diskors qalu d-Dumnikan Patri Timothy Radcliffe nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023 waqt il-ftuħ tal-Kongregazzjoni Ġenerali f'Ruma. Hu xebbah is-Sinodu max-xhur ta' stennija ta' mara fit-tqala. "Fi żmien qasir, aħna lkoll se mmorru d-dar għal ħdax-il xahar. Dan jista' jidher bħala żmien ta' stennija vojta. Imma probabbilment se jkun l-aktar żmien fertili tas-Sinodu kollu, żmien ta' twarrid", kompla jgħid id-Dumnikan. Patri Radcliffe kellu r-rwol ta' *spiritual advisor* għas-Sinodu; hu wissa lid-delegati sabiex ma jitkellmux fin-negattiv meta jerġgħu lura minn Ruma u kkwota l-Ittra ta' San Pawl lill-Efesin: "Ebda kelma mhux xierqa m'għandha toħroġ minn fommkom" (4:29).

Radcliffe kompla jgħid: "Meta tmorru lura d-dar se jkun hemm dawk li jistaqsukom: Iġġelidtu għan-naħa tagħna? Jeħtieġ li nkunu nies ta' talb u nirreżistu t-tentazzjoni li naqgħu fir-raġunament tal-partiti".

Il-kelliem għas-Sinodu Paolo Ruffini kkonferma li d-delegati tas-Sinodu li kienu Ruma se jkunu qed jirritornaw is-sena d-dieħla għall-Assemblea Sinodali ta' Ottubru 2024. Ma ntqal xejn b'mod pubbliku dwaru x'se jseħħ bejn l-Assemblea Sinodali li qed tintemm din is-sena u dik li se tiltaqa' f'Ottubru li jmiss. Organizzaturi tas-Sinodu qalu li se jitħejja *instrumentum laboris* ieħor għall-Assemblea tas-sena d-dieħla.

**Ħarsa 'l quddiem**

Fost it-temi ewlenin li ħarġu u li mistennija jerġgħu jissemmew insibu l-ordinazzjoni tan-nisa għad-djakonat, reviżjonijiet tal-liġi kanonika tal-Knejjes Orjentali, u reviżjoni tad-dokument Vatikan *Ratio Fundamentalis* li jservi bħala bażi għall-formazzjoni tal-presbiteri u d-djakni.

Matul l-ewwel nofs tas-sena 2024 se tintbagħat lista ta' temi lill-Papa Franġisku sabiex jirrevedihom. Id-dokument il-ġdid ma jagħtix l-ismijiet tal-esperti jew kif dawn intgħażlu. Dan id-dokument ħareġ fit-12 ta' Diċembru 2023 mis-Segretarjat Ġenerali tas-Sinodu; id-dokument bl-isem *Lejn Ottubru 2024* fih erba' paġni u elenku tat-tappi li se jikkaratterizzaw bejn issa u t-tieni sessjoni tal-Assemblea Sinodali.

## NILQGĦU LIL...

- **Simon Zammit**, żagħżugħ mill-Parroċċa tat-Twelid tal-Verġni Marija, ix-Xagħra li qed jagħmel il-formazzjoni propedewtika tiegħu fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex, li minn Ottubru li għadda qed jagħti servizz pastorali fil-Parroċċa tagħna, speċjalment mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ; u lis-seminarista **Marvic Mallia** mill-Parroċċa tal-Imqabba f'Malta, li fix-xhur bejn is-sajf u Diċembru kien qed jgħin fid-diversi oqsma pastorali tal-Parroċċa bħala parti mill-esperjenza tas-Sena Intermedjarja tiegħu.







- **Patri Martin Cilia MSSP,** li minn wara s-sajf ġie maħtur Superjur tad-Dar Stella Maris tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl fiż-Żebbuġ, u li fl-istess waqt beda jgħin bħala Kollaboratur Parrokkjali fil-ħidma pastorali fil-Parroċċa tagħna, prinċipalment fil-Quddiesa għat-Tfal u l-Familji li jmexxi kull nhar ta' Ħadd, kif ukoll b'laqgħat ta' formazzjoni għall-ġenituri u l-koppji miżżewġa.

STORJA



# IT-TRITTIKU TA' SAN ĠORĠ LI QIEGĦED FIL-MUŻEW TAL-KATIDRAL TA' GĦAWDEX

Mario Buhagiar u Charles Cassar

Din il-kitba hi msejsa fuq studju akkademiku magħmul mill-istess żewġ awturi ppubblikat fit-*Treasures of Malta*, No 86 – Easter 2023. L-għan ta' din il-kitba hu li jingħata tagħrif fuq trittiku tar-ram isfar ta' qies żgħir, li meta jkun magħluq jitqiegħed f'kaxxa tar-ram (*sleeve-box*) li fuqha hemm bassoriljiev li juri lil San Ġorġ fuq iż-żiemel fit-taqbida tiegħu mad-dragun. Dan it-trittiku llum jinsab għall-wiri fil-Mużew tal-Katidral ta' Għawdex.

Sa fejn hu magħruf, dan hu l-uniku artifatt tal-istess għamla li nstab f'Malta. Min-naħa l-oħra, dan it-tip ta' trittiku, li jista' jinġarr faċilment, kien popolari bħala oġġett devozzjonali fil-lvant tal-Ewropa, speċjalment fir-Russja, mill-Medjuevu sa żminijiet moderni. B'mod ġenerali fil-Knisja Ortodossa dawn it-tip ta' oġġetti għandhom l-istess siwi devozzjonali bħal medalji reliġjużi fil-Knisja Kattolika, u huma magħmula biex jintlibsu madwar l-għonq bħala protezzjoni għal persuna li tilbishom, u wkoll biex trebbaħhom indulġenzi.

Kien lejn l-aħħar tal-2021 li r-Rev. Joseph Calleja, li kien il-Project Manager inkarigat mir-rikostruzzjoni u t-tiġdid tal-Mużew tal-Katidral, informa lil Charles Cassar bl-eżistenza ta' dan it-trittiku li għal bosta snin kien miżmum f'kaxxaforti fl-istess katidral. Miżmuma mal-istess trittiku kien hemm ukoll 'nota' miktuba bl-idejn fuq karta uffiċjali tal-Kurja ta' Għawdex bl-istemma ta' Mons. Anton Grech-Delicata-Debono-Cassia, it-tieni Isqof ta' Għawdex bejn is-snin 1868 u 1876:

> *"Questo Trittico di ottone rappresentante il martirio di San Giorgio fu ritrovato sotto la prima pietra dell'antica chiesa di detto glorioso Martire nel Rabato di Gozo. Mons. Can. Luigi Debono Cassia lo toglie dal museo di suo zio fu Mons. Antonio Grech Delicata, Vescovo di Gozo, conservato ivi colla data del 26 Agosto 1871, e lo rimette alla S. Cattedrale Chiesa di Gozo, affinchè una cosi pregevole memoria sia permanentemente custodita."*
>
> (Dan it-Trittiku tar-ram li jirrappreżenta l-martirju ta' San Ġorġ kien instab taħt l-ewwel ġebla tal-knisja l-antika ta' dan il-Martri glorjuż fir-Rabat ta' Għawdex. Mons. Kan. Luigi Debono Cassia ġabru mill-mużew ta' zijuh il-mejjet Mons. Antonio Grech Delicata, Isqof ta' Għawdex, u li kien beda jkun miżmun hemmhekk mis-26 ta' Awwissu 1871, u li issa qiegħed jintradd lura lill-Knisja Katidrali ta'



It-Trittiku biż-żewġ pannelli miftuħin.



Id-dahar tat-Trittiku bil-ħolqa fuq in-naħa ta' wara tal-Madiljun ta' Edessa.



Questo Trittico di ottone rappresentante il martirio di S. Giorgio fu ritrovato sotto la prima pietra dell'antica Chiesa di detto glorioso martire nel Rabato di Gozo. – Mons. Can. Luigi [illegible] Cassia lo toglie dal museo di suo zio fu Mons. Antonio Grech Delicata, Vescovo di Gozo, conservato ivi colla data del 26 Agosto 1871, e lo rimette alla S. Cattedrale Chiesa di Gozo, affinchè una così preziosa memoria sia perennemente custodita.

In-'nota' fl-istemma tal-Isqof Grech-Delicata li kienet miżmuma flimkien mat-Trittiku u l-kaxxa ta' barra.

Għawdex, bl-għan li din it-tifkira daqshekk siewja tibqa' tkun miżmuma għal dejjem.)

Hu diffiċli li wieħed jifhem kif il-kittieb ta' din in-nota, li jaf kien it-teżorier tal-Kapitlu tal-Katidral, seta' fixkel l-ikonografija klassika ta' San Ġorġ jiġġieled lid-dragun ma' dik tal-martirju tal-istess qaddis. Min-naħa l-oħra, l-interess ewlieni għall-istudjuż tal-arti hu li jeżamina b'mod akkademiku din is-sejba ta' dan l-oġġett li kien taħt l-ewwel ġebla tal-Knisja l-qadima ta' San Ġorġ.

Huwa ċar min-'nota' li t-trittiku kien jagħmel parti mill-kollezzjoni privata tal-Isqof Grech Delicata u dam hekk sal-mewt tiegħu. Wara, in-neputi, u presubbilment l-eredi tal-istess Isqof Grech Delicata, ħadu mill-kollezzjoni privata u newlu lill-Katidral ta' Għawdex biex jibqa' "miżmum għal dejjem". Id-data ta' din l-għotja mhix magħrufa, imma mill-fatt li l-istess 'nota' għandha fuqha l-istemma tal-Isqof Grech Delicata wieħed għandu jifhem li n-'nota' nkitbet fil-perjodu tas-*sede vacante*, jiġifieri fil-perjodu bejn il-mewt tal-Isqof Grech Delicata li ġrat fil-31 ta' Diċembru 1876 u l-elezzjoni tal-Isqof ta' wara Mons. Pietro Pace li saret fis-17 ta' Marzu 1877. Allura d-data li hemm fuq in-'nota' (is-26 ta' Awwissu 1871) għandha tittieħed bħala d-data meta dan l-artifatt għadda f'idejn l-Isqof Grech Delicata.

Hu diffiċli, mingħajr dokumentazzjoni speċifika, li tkun stabbilita bi preċiżjoni d-data ta' meta dan it-trittiku nstab. Min-naħa l-oħra nistgħu nassumu li t-tradizzjoni li dan it-trittiku jġorr miegħu hi korretta, u allura nifhmu li nstab waqt xogħol ta' bini li kien għaddej. Jekk hu hekk, allura wisq probabbli t-trittiku nstab bejn l-1816 u l-1817 meta kienet qed terġa' tinbena l-faċċata tal-knisja.[1] Hija ħasra li ma nstab, sa issa, l-ebda rikordju fl-Arkivji Ekkleżjastiċi dwar sejba daqstant importanti.

Għall-kuntarju, is-sejba fl-istess lok taċ-ċiborju tar-ram indurat hi ddokumentata fir-rapport tal-Viżta Pastorali tal-1830.[2] Dan iċ-ċiborju, li hu wkoll għall-wiri fl-istess vetrina mat-trittiku, hu wieħed mill-ifjen *objets d'art* ta' valur artistiku għoli ta' żmien il-Medjuevu li għandna f'Malta. Rigward l-istilistika tiegħu, dan iċ-ċiborju huwa tat-tipoloġija Katalana-Aragoniża tas-seklu 15.[3] Aktarx li kemm it-trittiku u kemm iċ-ċiborju kienu nstabu flimkien, imma żgur li ċ-ċiborju kien jagħti aktar fil-għajn u aktar ġibed apprezzament mit-trittiku. Jekk dan hu l-każ, allura jfisser li min ħeba dawn iż-żewġ oġġetti kien jaf sewwa s-siwi kbir tagħhom u ried jiżgura l-ħarsien sewwa tagħhom fi żmien meta l-gżira ta' Għawdex kienet sikwit mhedda u fil-fatt kienet kemm-il darba vittma ta' attakki qerrieda mill-Imperu Ottoman.

Għalkemm l-istorja għadha tostor l-oriġni tal-Knisja ta' San Ġorġ, hu ddokumentat li fis-Sena tal-Ġublew tal-1450 imsejħa mill-Papa Nikola V, is-Santa Sede kienet tat lil din il-knisja, flimkien ma' erba' knejjes oħra li kienu fil-*borgo* tal-Kastell, il-privileġġ biex fiha jintrebħu indulġenzi speċjali.[4] Hu wkoll magħruf li fl-1480 kienu qed isiru xogħlijiet strutturali, jew il-bini mill-ġdid, tal-knisja.[5] Xogħlijiet strutturali oħra setgħu saru meta nbniet il-knisja li kienet biswitha, iddedikata lil Santa Katerina, u li tissemma għall-ewwel darba fl-1539.[6] Fl-14 ta' Jannar 1484, il-venerabbli Don Antonius Mahnuc kien ħalla legat tal 1 tarì (*"carenum unum ponderis generalis"*) lill-Kappillan ta' dak iż-żmien Don Giulianus Gadivara,[7] li mill-bixra ta' kunjomu kien ta' dixxendenza Katalana-Aragoniża. Jidher li fil-Medjuevu, Għawdex kien imdakkar, kemm etnikament u kemm kulturalment, minn influwenza Katalana-Aragoniża. Dan il-fatt ipoġġi liċ-ċiborju f'kuntest li jiftiehem.

**Is-siwi artistiku u reliġjuż tat-trittiku**

Hemm differenza artistika kbira bejn iċ-ċiborju u t-trittiku. Importanti jingħad li l-artifatt hu magħmul minn żewġ partijiet distinti: it-trittiku, u l-kaxxa ta' barra (*sleeve-box*), u dawn minnhom infushom huma stilistikament imsawra b'mod differenti. Il-bixriet individwalisti ta' bejniethom jidhru l-aktar fl-għażla tal-ilsna li bihom huma miktuba l-iskrizzjonijiet. Dawk tat-trittiku huma ta' forma xejn mirquma fl-ilsien Slavoniku/Ċirilliku, waqt li dawk tal-kaxxa ta' barra (*sleevebox*) huma mraqqma bil-Grieg. Dan in-nuqqas ta' simetrija hu xhieda li ż-żewġ partijiet ma kinux fl-ewwel waqt magħmula għal xulxin, imma kienu magħquda flimkien f'xi żmien wara.

Il-qaddisin li jidhru fuq it-trittiku jingħarfu mill-kitba, miktuba b'ittri Slavi/Ċirilliċi, li hemm fuq ir-ras ta' kull wieħed. Min-naħa tagħna rridu nirrikonoxxu l-għajnuna kbira li kellna mingħand Dr Dan Ruscu (Babeș-Bolyai University, ir-Rumanija) biex niddeċifraw l-iskrizzjonijiet.[8]

Skont Dr Ruscu, l-iskrizzjonijiet fuq it-trittiku nkitbu b'nuqqas ta' reqqa, u jaħseb li dan l-artifatt kien magħmul għan-nies



It-Trittiku parzjalment imdaħħal fil-kaxxa ta' barra.

komuni. Hu tenna li din l-għamla ta' trittiku li tista' tinġarr mill-persuna tinstab ta' spiss fl-arti Biżantina, l-aktar wara s-seklu 11. Iktar importanti hu l-fatt li Dr Ruscu jgħid li hu qatt ma ltaqa' ma' artifatt ta' din l-għamla li hu ta' daqs hekk żgħir.[9] Dan il-fatt għandu jiġi studjat iktar fil-fond b'mod speċjalizzat għax jista' jitfa' dawl ġdid fuq l-istorja ta' dan it-trittiku.

Mingħajr dubju, l-istil tat-trittiku hu Biżantin b'affinità Slava, u għalhekk jista' jagħti ħjiel li hu ta' oriġni Russa Ortodossa. Kif digà ntqal, il-kaxxa ta' barra hi stilistikament u lingwistikament differenti. Huwa ċar li saret min ħaddied midħla tal-istil Romanesk. In-nuqqas ta' qbil bejn iż-żewġ biċċiet għandu mnejn ikollu implikazzjoni storika, għax jissuġġerixxi fid-deher li l-artifatt li fih innifsu hu ta' sura ta' medalja Russa Ortodossa ngħaqad ma' artifatt ieħor biex jinbidel u hekk ikun aċċettat f'kuntest Nisrani Latin. Jista' jkun ukoll li fil-bidu l-kaxxa ta' barra saret għal għan ieħor, imma mbagħad intgħażlet biex tkun ta' lqugħ għat-trittiku.

Dr Helen Rufus-Ward, mill-Università ta' Sussex, tirrimarka li l-ikonografija, fuq il-kaxxa ta' barra, ta' San Ġorġ bħala l-qattiel tad-dragun għandha tifsira sinifikanti. San Ġorġ hu wieħed mill-qaddisin militari magħrufa bħala *Holy Riders*, qaddisin li f'ħajjithom kienu suldati, imma mbagħad ħadu l-martirju u saru suldati ta' Kristu u meqjuma bħala protetturi tagħna. Il-kult ta' San Ġorġ hu mifrux sewwa fir-Russja u madwar l-Ewropa tal-Lvant. Fil-bassoriljiev li hemm fuq il-kaxxa ta' barra, il-figura ta' San Ġorġ hi prominenti waqt li jidher qed joqtol id-dragun b'xabla (jew lanza). Tidher ukoll strixxa dejqa li fuqha hemm imniżżel bil-Grieg 'San Ġorġ'.

Fuq in-naħa ta' wara tal-kaxxa, magħmula b'mod rozz, hemm inċiżjoni ta' xbieha ta' kurċifiss imqiegħed fuq speċi ta' pedestall. Jidhru wkoll simboli tal-Passjoni u dekorazzjonijiet oħra ta' ward ta' forma stilizzata.

Fil-pannell ċentrali tat-trittiku tidher ix-xbieha ta' San Antipa ta' Pergamun iżomm f'idu ktieb tal-Bibbja. San Antipa għex fl-ewwel seklu u skont it-tradizzjoni kien ikkonsagrat Isqof ta' Pergamun minn San Ġwann l-Evanġelista. Wara hu sofra l-martirju billi nħaraq ħaj bejn is-snin 90/95 WK waqt il-persekuzzjoni tal-Imperatur Domizjanu. F'dak iż-żmien Pergamun kienet maħkuma mix-Xitan u nħelset bid-demm ta' dan il-qaddis martri. Il-kult tiegħu hu mifrux sew fil-knejjes tal-Lvant, waqt li l-festa tiegħu taħbat fil-11 ta' April.

It-trittiku għandu parti żgħira li tibqa' 'l barra meta jitqiegħed fil-kaxxa ta' barra. Fuq wara ta' din il-parti hemm ħolqa biex hekk ikun jista' jiddendel mill-għonq tal-persuna li xxiddu. Din id-drawwa kienet imxerrda sewwa, tant hu hekk li fir-Russja kienu magħrufa bħala 'ikoni li jterrqu' u kienu jintużaw hekk mis-saffi kollha tas-soċjetà.[10]

Fl-1867, ir-Rev. W. Sparrow ta tagħrif dwar xi 29 ikona Russa li kienu nġiebu l-Ingilterra mill-Krimea. Hu rrakkonta li kienet id-drawwa li meta bidwi jkun se jibgħat lil ibnu fl-armata, kien jaqla' minn għonqu l-ikona, li missirijietu kienu xeddew qablu, u waqt li jagħti l-barka tiegħu, kien iqegħedha fuq sider ibnu. It-trittiku kien ikun ta' tifkira ta' familtu billi bosta drabi kien ikun hemm fuqu x-xbieha tal-qaddis protettur tal-familja. Imbagħad kull meta kien jixtieq, kien jiftaħ it-trittiku, jinżel għarkupptejh u jitlob quddiemu bħala altar portabbli. Is-suldat kien iġorr it-trittiku dejjem madwar għonqu fit-twegħir li kien jiltaqa' miegħu. Wara li jkun temm is-servizz militari tiegħu, hu kien imur lura lejn raħlu u kien ukoll iqiegħed din l-ikona għażiża fuq l-ikonastasi tal-knisja parrokkjali tiegħu bħala offerta votiva, u bħala turija li kien ħeles mill-għawġ kollu li għadda minn għalih.[11]

Iż-żewg pannelli tal-ġnub huma maqsuma fi tliet saffi u mqassma hekk: fuq in-naħa tax-xellug jidhru, minn fuq għal isfel, San Pietru (ripetut darbtejn), San Mikiel, San Ġorġ, San Bażilju, u San Ġwann. Fuq in-naħa tal-lemin hemm, minn fuq, San Gabrijel, San Pawl, San Girgor, San Dimitri u possibbilment San Anastasju u San Bjaġju.

Mill-analiżi tagħha, Dr Rufus-Ward tgħid li xi qaddisin li jidhru fuq it-trittiku għandhom rabta mar-Russja. San Bażilju hu wieħed mill-aktar qaddisin meqjuma f'Moska, waqt li l-kult tiegħu u ta' San Dimitri ta' Tessaloniki hu mifrux mar-Russja kollha. Ikonografikament, kull qaddis hu rraffigurat bħala bust bl-isem ta' kull wieħed imnaqqax fuq ir-ras. Skont Dan Ruscu, l-ismijiet huma miktuba bl-Islav imma mingħajr reqqa, minħabba li hemm karattri ħżiena jew ta' għamla mhux tajba.

Dan in-nuqqas ta' attenzjoni jista' tkun l-għala l-artist vernakulari tat-trittiku rrappreżenta lil San Pietru darbtejn f'din l-ikona. Min-naħa l-oħra, Dan Ruscu jisħaq li l-qaddisin huma rraffigurati bil-mod ikonografiku tajjeb: San Pietru u San Pawl jidhru libsin ix-*chiton*, San Ġorġ u San Dimitri jxiddu l-libsa militari *chlamis*, waqt li San Girgor u San Bażilju għandhom l-ilbies episkopali magħruf bħala *omophorion*. Minħabba f'hekk kull figura tista' tkun magħrufa meta mxebbha ma' mudelli jew arċitipi oħra.[12]

Fuq il-parti ta' forma rettangolari, li hemm 'il fuq mill-pannell tan-nofs, u li tibqa' 'l barra meta t-trittiku jitqiegħed fil-kaxxa ta' barra, hemm imnaqqax il-Wiċċ ta' Kristu li hu mnebbaħ mix-xbieha popolari fil-kultura komuni tal-Mandiljun ta' Edessa. Din ix-xbieha żgur li iktar tagħti qawwa devozzjonali lit-trittiku. Fit-tradizzjoni Ortodossa l-Mandiljun, jew il-Wiċċ ta' Kristu, hu xbieha awtentika li Kristu nnifsu ħalla fuq id-drapp għar-Re Agbar ta' Edessa biex ikun imfejjaq mill-marda li kellu.[13] Dan il-Mandiljun hu ddokumentat f'Kostantinopli fis-seklu 10, imma mbagħad għosfor meta din il-belt kienet sfat ħerba fl-1204 matul ir-Raba' Kruċjata. L-iktar ikona antika li turi l-Mandiljun hija dik tas-seklu 10 u tinsab fil-Monasteru



Id-dahar tal-kaxxa ta' barra (sleeve-box) li juri inċiżjoni ta' salib fuq pedestall.

ta' Santa Katarina fuq il-Muntanja Sinaj. Fil-Knisja Ortodossa din l-ikona hija miżmuma b'għożża kbira. Dan Ruscu jinnota li fit-tradizzjoni Biżantina t-trittiċi huma meqjusa l-istess bħall-ikonastasi li hemm fil-Knejjes Ortodossi. Fil-knejjes Slavi jew Russi x-xbieha tal-Mandiljun titqiegħed kważi dejjem 'il fuq u fiċ-ċentru tal-bibien imperjali.[14]

**Konklużjoni**

Għalkemm din l-ikona hija ta' għamla rustika vernakulari u 'l bogħod minn oħrajn li kienu użati mill-klassijiet għolja Russi, li kienu jkunu xi drabi magħmula kollha kemm huma mid-deheb jew indurati bid-deheb,[15] xorta jibqa' l-fatt li dan l-artifatt huwa ta' relevanza kbira u li għandu karatteristiċi partikolari li jagħżluh minn oħrajn li jinsabu f'inventarji oħra u li fuqhom diġà sar studju. Meta mqabbel ma' oħrajn, dan it-trittiku hu ta' daqs iżgħar u bil-maqlub tal-oħrajn jitqiegħed f'kaxxa biex tħarsu.

Hawn iqumu żewġ mistoqsijiet li jeħtieġu tweġiba: l-ewwel nett id-datazzjoni, u fit-tieni lok kif wasal sal-Knisja ta' San Ġorġ, l-iktar għall-istima li ngħata bil-mod li ġie mħares milli jinqered. Jekk kien moħbi minħabba l-biża' ta' xi assedju Ottoman, allura s-sena 1551 għandha tkun id-data *ante quem*. Il-kaxxa ta' barra, ta' stil Gotiku, tindika data għall-aħħar tal-Medjuevu, filwaqt li t-trittiku hu presubbilment iktar antik.

It-tweġiba għat-tieni mistoqsija hija aktar diffiċli. L-aħjar hu li ngħtu kas ta' dak li għarrafna Michele Bacci, Professur tal-Istorja tal-Medjuevu fl-Università ta' Fribourg fil-Ġermanja, u li hu awtorità fil-qasam tal-Ikonografija Nisranija. Hu jgħid li t-trittiku hu tal-għamla ta' oġġetti li kienu jduru fl-idejn, l-iktar pellegrini Russi fi triqthom lejn l-Art Imqaddsa u Bari.[16] Il-qagħda strateġika ta' Malta fil-Mediterran kienet tkun addattata biex il-pellegrini jagħmlu waqfa qasira f'pajjiżna. Il-belt ta' Bari tiġbed lejha bosta pellegrini Russi minħabba li fiha jinsabu l-fdalijiet ta' San Nikola ta' Mira, qaddis tawmaturgu.

Mhix ħaġa kbira li xi Nisrani Russu seta' ltaqa' ma' xi gwaj serju, bħal xi tiġrib ta' għarqa, u wara li sab kenn f'Għawdex li nzerta l-iktar lok qrib fil-vjaġġ tiegħu, hu offra dan it-trittiku lil knisja importanti bħala ex-voto biex jiżżi ħajr talli ħeles mill-għawġ li ltaqa' miegħu.

Għalkemm ma għandniex tagħrif biżżejjed fuq dan l-oġġett, nistgħu ngħidu bla tlaqliq li dan l-artifatt, magħmul mit-trittiku u l-kaxxa ta' barra, għandu fuq kollox ikun magħruf u apprezzat minn kulħadd.

**Nota ta' ringrazzjament**

Nixtiequ ngħtu ħajr lill-Arċipriet tal-Katidral Mons. Joseph Sultana, ir-Rev. Joseph Calleja, Dr Dan Ruscu, Giulia Privitelli, il-Prof. Michele Bacci, Daniel Camilleri, Daniel Borg, Dr Helen Rufus-Ward u CVC Media.

*Ħajr lill-Mużew tal-Katidral u lil CVC Media għar-ritratti.*

**Riferenzi**

1 Paul George Pisani, "History: Brief Account", f'Charles Cini, ed., *St George: Gozo Golden Basilica* (Malta: Salesians of Don Bosco, 2011), 15.

2 AEG [Archivio Episcopale, Gozo], VP [Visita Pastorale] 1830, f. 48r, imsemmi minn Pisani (2011), 15.

3 Fil-Museu Episcopal, Vic, fi Spanja hemm ċiborju li jixbhu u kważi bħalu.

4 Dan id-dokument ASV [Archivio Segreto Vaticano], Reg. Var. 396, ff. xvi-xviii hu riprodott bħala Dok. 188 f'George Aquilina u Stanley Fiorini, *Documentary Sources of Maltese History, Part IV: Documents at the Vatican No.2: Archivio Segreto Vaticano: Cancelleria Apostolica and related sources at the Bibiotheca Apostolica Vaticana* (Malta: Malta University Press, 2005), 256-259. Il-knejjes l-oħra msemmija kienu Sta Maria Savine, Sti Jacobi, Sti Agostini, u Sti Petri in cimitero.

5 AAF [Arkivji Arċiepiskopali, Floriana] RFBIG [Registrum Fundationum Benificorum Insulæ Gaudisii], 52r-v., riprodott bħala Dok. 50 f'Stanley Fiorini, *Documentary Sources of Maltese History, Part V: Documents in the Curia of the Archbisop of Malta No. 1* (Malta: Malta University Press, 2006), 71. Minn issa 'l quddiem riferuta bħala Fiorini (2006).

6 AAF, RFBIG, f.87 riprodott bħala Dok. 86 f'Fiorini (2006), 121-122.

7 Joan Abela, "Unearthing Gozo's Lost Medieval Past", f'Charlene Vella, ed., *At Home in Art. Essays in Art in honour of Mario Buhagiar* (Malta: Midsea Books, 2016), 42.

8 Dr Dan Ruscu huwa lettur anzjan fil-Fakultà tat-Teoloġija Griega-Kristjana fl-Università ta' Babes-Bolyai, ir-Rumanija (Departamentul de Istorie Antică și Arhecologie). Dr Ruscu jispeċjalizza fl-arti u l-arkeoloġija tal-era Kristjana Bikrija u Antikità Tardiva, u wkoll jaf tajjeb iċ-Ċirilliku/Slav. Ngħtu ħajr lil Giulia Privitelli li waqqfet il-kuntatt akkademiku fil-qrib ma' Dr Ruscu.

9 Korrispondenza personali ma' Dan Ruscu fit-22 ta' Novembru 2022.

10 Fuq l-ikoni Russi li jintlibsu ara: Richard Eighme Albborn u Vera B. Espinola, edi, *Russian Copper Icons and Crosses from the Kunz Collection: Castings of Faith* (Washington DC: Smithsonian Institute Press, 1991).

11 Imsemmi minn Vera B. Espinola, *Copper Icons in Daily Use in Old Russia*, f'Eighme u Espinoza (1991), 9.

12 Korrispondenza personali ma' Dan Ruscu fit-22 ta' Novembru 2022.

13 Averil Cameron, "The History of the Image of Edessa. The Telling of a Story", f'*Harvard Ukranian Studies: Okeanos. Essays presented to Ivor Sevencenko on his Sixtieth Birthday by his colleagues and students*, Vol. 7 (1983).

14 Korrispondenza personali ma' Dan Ruscu fit-22 ta' Novembru 2022.

15 Vera B. Espinola, "Russian Metal Icons in the Smithsonian Institution", f'*ICOM Committee for Conservation 7th Triennial Meeting* (Copenhagen: 'The International Council of Museums with the J. Paul Getty Trust, 1984), 104.

16 Korrispondenza personali ma' Michele Bacci fis-7 ta' Frar 2022.

ATTWALITÀ



# IL-KONSERVAZZJONI U R-RESTAWR TAL-KURĊIFISS MIRAKOLUŻ TA' SAN ĠORĠ

Dun Charles Vella



*Matul din is-sena, ix-xbieha għażiża u devota tal-Kurċifiss għalqet 175 sena. Infħass opportun li jiġi avviċinat Dun Charles Vella, restawratur professjonali, biex jagħmel xogħol ta' konservazzjoni u restawr fuq l-istatwa. F'dan l-artiklu hu jaqsam magħna l-osservazzjonijiet tiegħu tul il-proċess.*

**Kurċifiss mirakoluż u artistiku tas-seklu 19**

Il-Kurċifiss meqjum b'għożża fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fil-Belt Victoria, Għawdex, huwa minqux fl-injam tal-aħmar, u wara li ġie miksi b'saff tal-ġibs imħallat mal-kolla organika, ġie miżbugħ permezz ta' velaturi taż-żebgħa taż-żejt.

Id-dimensjoni tiegħu hi t-tul ta' bniedem normali (160ċm twil, 140ċm wiesa' bejn il-ftuħ ta' jdejh).

L-artista huwa skultur importanti Malti, Pietru Pawl Azzopardi, l-istess awtur li ħadem lil San Ġorġ.

**L-istudji li saru qabel ir-restawr tal-Kurċifiss**

**1. Studju tekniku xjentifiku**

L-ewwel sar studju tekniku u xjentifiku, wara li ġie eżeminat b'mod fiżiku b'dawl naturali, kif ukoll permezz tad-dawl tal-UV. F'dan il-livell primarju ġew studjati l-ħsarat li għandu fil-livell pittoriku li hemm fuqu (iż-żebgħa oriġinali li hemm fuqu kif ukoll l-irtokki li saru matul iż-żmien preċedenti fejn iż-żebgħa oriġinali ntilfet).

**2. Identifikazzjoni tal-materjali**

Il-materjali oriġinali kollha li għamel l-awtur fuq dan il-Kurċifiss ġew identifikati permezz ta' micro-X-rays.

**3. Studju tekniku tal-istruttura**

Sar studju tekniku tal-Kurċifiss li fih ġiet studjata s-saħħa tal-injam tiegħu permezz ta' X-rays. Dan jinkludi fejn hemm il-ġonot tal-idejn li huma maħduma separatament mill-bqija tal-Kurċifiss.

**Konservazzjoni preventiva**

Il-konservazzjoni preventiva taċċerta li l-livelli tal-umdità flimkien mat-temperaturi relattivi ma jikkompromettux l-istruttura tiegħu u l-materjali l-oħra li hemm fuqu. Dan jinkludi s-sigurtà tiegħu.

**L-istat ta' konservazzjoni qabel l-interventi**

Testijiet xjentifiċi li saru wrew li l-Kurċifiss sarlu aktar minn intervent wieħed fl-istorja tiegħu. Dawn jinkludu dawk professjonali kif ukoll interventi każwali oħra minn nies mhux kompetenti, jew li ħadmu b'dak li kellhom f'idejhom dawk iż-żminijiet.

Fost l-oħrajn, il-livell pittoriku huwa dgħajjef ħafna, kważi trasparenti, kif ukoll hemm postijiet fejn iż-żebgħa oriġinali kienet litteralment mitlufa minħabba solventi aggressivi li ntużaw fil-passat. Dawn l-istudji juru qabel l-interventi li l-Kurċifiss kien nixef ħafna, xi postijiet beda jwaqqa' l-kulur flimkien mal-preparazzjoni ta' taħt li magħmula minn ġibs u kolla organika.

Peress li fil-passat kienu jisquh żejt tal-kittien minn kanal









Il-Kurcifiss qabel ir-restawr.

li jidher fl-X-rays fir-ras, dan ikkaġuna wkoll diskolorazzjoni kif ukoll tbajja' fuq il-karnaġġjon bajdani tiegħu.

Ma jonqsux ukoll xquq irqaq fl-injam u l-ġibs li jiksi l-injam qabel il-karnaġġjon ġie mpitter.

Mhux biss taħt id-dawl UV iżda wkoll taħt dawl normali kienu jidhru wkoll fuq il-karnaġġjon interventi ta' rtokki minn restawraturi oħra li intervenew fuqu fil-passat. Għalkemm dawn l-irtokki skuraw maż-żmien u ma baqgħux kompatibbli mal-karnaġġjon oriġinali, kienu ta' materjal riversibbli, u kellhom jitneħħew biex jagħmlu post għal irtokki ġodda kompatibbli mal-kuluri oriġinali tal-awtur. Dawn saru mingħajr ma huma invadenti li jostakolaw l-oriġinalità tal-artist, kif ukoll b'teknika u materjali aktar moderni fil-qasam xjentifiku tal-konservazzjoni u restawr.

**Studjat taħt dawl naturali jew tar-rifletturi b'dawl qawwi**

F'dawn l-istudji kienu jidhru toqob ta' insetti mejta, akkumulazzjoni ta' trab li nġabar fuqu maż-żmien, speċjalment fuq l-ispallejn, u l-livell tal-ġibs f'xi postijiet li kien irregolari u l-istess ġibs beda jifforma ħotob żgħar bl-arja taħthom li mbagħad jinfaqgħu u jintilfu biż-żebgħa b'kollox (*lacunae*). Ma' dan kollu kienu wkoll viżibbli xquq irqaq li l-injam jifforma meta jiċċaqlaq matul l-istaġuni.

**Raking light**

Hija importanti t-tipografija tal-wiċċ tal-livell pittoriku, livell li fil-biċċa l-kbira tiegħu huwa lixx u sabiħ, li jirrendih qisu taċ-ċeramika. Taħt dan it-tip ta' dawl (*raking*) wieħed seta' jinnota wkoll id-daqqiet sottili tal-pinzell, kif ukoll it-tekinka tat-taħlit



Il-Kurcifiss qabel ir-restawr.



Il-Kurcifiss wara r-restawr.

taż-żebgħa li biha huwa mpitter, b'velaturi semitrasparenti u differenti li jiffurmaw il-karnaġġjon. Teknikament il-pittur li pittru beda minn kuluri bħal aħdar u blu, li fuqhom żebagħ il-kulur tal-karnaġġjon bajdani fuq bażi ta' varniċ u pigmenti tat-trab. Dawn jiffurmaw id-delikatezza u l-eleganza tal-kulur tal-ġilda tal-Kurċifiss.



**UV light (Ultraviolet radiation)**

Il-Kurċifiss ġie eżaminat ukoll taħt ir-radjazzjoni tal-UV. Dan huwa tip ta' dawl li fih mewġa intensiva iqsar u frekwenza itwal minn dawl normali, għalkemm mewġa itwal minn X-ray.

Id-dawl UV li ntuża fuq il-Kurċifiss normalment jintuża biex jidentifika l-awtentiċità tal-livelli mpittra, jew biex wieħed isib aktar faċilment il-ħsara u l-irtokki mhux oriġinali miżjuda fuq il-kuluri tal-awtur.

L-użu tad-dawl UV fuq il-Kurċifiss kien ta' mewġa radjattiva twila ta' 356nm. Dan it-tip ta' UV huwa ffiltrat għal żmien qasir biex ma jagħmilx ħsara la lil min qegħed jużah, li f'dan il-każ kont jiena, u lanqas lill-opra nfisha. Għalhekk kien użat għal żmien qasir ħafna. Fir-ritratti, dak kollu li jidher bħal mapep skuri jfisser li huma rtokk barrani u mhux żebgħa tal-awtur.

**X-rays**

L-X-rays jintużaw biex naraw dak li l-għajnejn normali ma jistgħux jaraw. Din l-analiżi radjoloġika fuq il-Kurċifiss kienet essenzjali biex qabel l-interventi stajt nifhem l-istruttura tal-injam li huwa magħmul minnha hix f'saħħitha. Dan l-intervent huwa wkoll essenzjali biex wieħed jistudja fejn l-injam huwa magħqud ma' xulxin, il-ġonot, humiex f'saħħithom, hemmx xi difetti li żviluppaw maż-żmien, peress li jinġarr fil-purċissjonijiet, xi degradazzjonijiet bijoloġiċi, fissuri fl-injam, metalli mdaħħla fl-injam, u l-bqija.

L-aktar li huma vulnerabbli f'dan il-Kurċifiss huma l-idejn, speċjalment fejn jingħaqdu l-ispallejn mas-sider. L-X-rays preżenti juru stabbiltà fl-idejn fejn huma magħquda mas-sider, kif ukoll stabbiltà fl-injam tal-istruttura kollha tal-Kurċifiss.

Dawn l-idejn irqaq u fraġli qed iġorru l-piż kollu tal-korp, u għalkemm huwa ssapportjat minn dahru mas-salib, xorta jibqgħu l-aktar parti vulnerabbli tal-istatwa. Minħabba vibrazzjonijiet tal-ġarr u tibdil fil-klima, huwa dejjem jibqa' suġġett għal xquq irqaq fil-ġonot.

Ir-radjografija saret minn James Azzopardi.

# ȚIFKIRIET MIĊ-ĊENTINARJU TAL-2003 (3)

## 20 SENA MILL-FESTI STRAORDINARJI LI KIENU SARU

### F'GĦELUQ L-1700 SENA MILL-MARTIRJU GLORJUŻ TA' SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI



STORJA

Noel Micallef

*...jaqbad mill-ħarġa l-oħra*

***Lulju 2004***

Wara li ġew mitmuma ċ-ċelebrazzjonijiet straordinarji li bla dubju se jibqgħu maħżuna fil-memorja tagħna għaż-żminijiet li ġejjin, żgur li dawn mhuma se jintesew qatt bil-mafkar dejjiemi li l-Bażilika ta' San Ġorġ għamlet bħala tifkira tal-Ġublew il-Kbir tal-Mulej kif ukoll tas-17-il Ċentinarju ta' San Ġorġ. Qiegħed nirreferi għall-Bieb tal-Bronż – *Porta Salutis* – li kien sar fis-sena 2004 u ġie inawgurat f'Lulju.

L-inizjattiva oriġinali ta' din l-opra kienet ittieħdet fis-sena 1998 f'rabta mal-Ġublew il-Kbir tal-Inkarnazzjoni li ċċelebrajna fis-sena 2000. Iżda biż-żmien ġie assoċjat ukoll mas-17-il Ċentinarju tal-Mewt Glorjuża ta' San Ġorġ. Għalhekk it-tema tiegħu hi primarjament: "Kristu, ilbieraħ, illum, dejjem", u magħha tal-Protettur tal-Għawdxin: "San Ġorġ, Martri ta' Kristu, ilbieraħ, illum, dejjem". L-artist ikkummissjonat b'din l-opra kien John Grima, żagħżugħ Għawdxi li diġà kien magħruf bil-bosta u b'din l-opra ssokta jikber fil-profil internazzjonali tiegħu.[9] Lejn tmiem is-sena 2003, il-Kumitat li kien twaqqaf bir-responsabbiltà li jara li l-proġett tal-bieb tal-bronż iseħħ reġa' ġġedded u bl-approvazzjoni tal-Kapitlu u l-Presbiterju reġa' beda jaħdem u ngħata bħala referenza li jidentifika artist biex jiġi kkummissjonat, jiġbor il-fondi neċessarji u jsib fonderija kapaċi li twettaq ix-xogħol tal-bronż. Il-bieb tal-bronż ġie maħdum mill-Fonderija Bonvicini ta' Verona, l-Italja, li hija rinomata għax-xogħol fil-bronż.

Kif diġà għidna, il-bieb tal-bronż hu maqsum f'żewġ temi, dik li tirrappreżenta lil Kristu u l-oħra 'l-Knisja. Kull tema hija maqsuma f'erba' panewijiet bit-temi li ġejjin. It-tema ta' Kristu hija spjegata f'dawn l-erba' ġrajjiet tal-misteru tiegħu: (1) l-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla u t-Twelid tiegħu minn Marija Verġni; (2) it-Taqbida ta' Ġesù kontra d-dnub u l-Mewt redentiva tiegħu fuq is-Salib; (3) il-Qawmien rebbieħ ta' Kristu fuq il-mewt u l-Glorifikazzjoni tiegħu; (4) il-Bidu tal-Knisja bid-don tal-Ispirtu s-Santu li f'Pentekoste niżel fuq l-Appostli mdawrin madwar Marija fiċ-Ċenaklu. Din it-tema tikkommemora l-Ġublew il-Kbir li





L-inawgurazzjoni tal-Porta Salutis, it-Tlieta 13 ta' Lulju 2004.



Il-Prima Messa ta' Dun Geoffrey G. Attard, il-Ħadd 11 ta' Lulju 2004.

ċċelebrajna fl-ewwel sena tat-tielet millennju Nisrani. Min-naħa l-oħra t-tema tal-Knisja tikkorrispondi ma' dik ta' Kristu. (1) F'korrispondenza mal-Iben ta' Alla li sar bniedem insibu l-ġrajja tal-Magħmudija tal-ġens Malti mill-Appostlu Pawlu meta aħna l-Maltin u l-Għawdxin sirna wlied Alla. (2) F'korrispondenza mat-taqbida ta' Kristu kontra d-dnub għandna t-taqbida tal-Knisja mal-ħażen, u hawnhekk il-Knisja hija ppersonifikata minn San Ġorġ fl-ikonografija tradizzjonali tiegħu tat-taqbida mad-dragun li jirrappreżenta l-ħażen. (3) Il-glorifikazzjoni ta' Kristu seħħet għall-glorifikazzjoni tal-bniedem li miegħu jkun ingħaqad fl-istess taqbida tiegħu, u dan il-misteru jidher fit-tielet panewa fejn il-Knisja hija mill-ġdid ippersonifikata fil-Megalormartri San Ġorġ igglorifikat fil-grazzja Trinitarja. (4) F'korrispondenza mal-istituzzjoni divina tal-Knisja universali f'Ġerusalemm għandna l-istituzzjoni tal-Knisja lokali f'Għawdex ippersonifikata fil-komunità tas-saċerdoti u l-lajċi li jsawru l-Parroċċa ta' San Ġorġ miġbura madwar l-Ewkaristija li fil-misteru tagħha San Ġwanni Pawlu II xtaq li jiżvolġi ruħu t-tielet millennju Nisrani. Din it-tema tal-Knisja tfakkar is-17-il Ċentinarju mill-Martirju ta' San Ġorġ li hu wieħed mill-esponenti l-aktar glorjużi tal-Knisja fil-Lvant u fil-Punent.[10]

Wara li saru t-tħejjiet loġistiċi kollha meħtieġa, it-Tlieta 13 ta' Lulju 2004, għall-ħabta tal-10.00am, il-qniepen tal-Bażilika daqqew b'ferħ kbir mota solenni sabiex iħabbru l-wasla tal-bieb tal-bronż fil-Pjazza ta' San Ġorġ. Mill-ewwel beda x-xogħol ta' tħawwil tal-bieb biex filgħaxija ssir l-inawgurazzjoni. F'ċelebrazzjoni ta' ferħ, it-Tlieta filgħaxija saret Velja ta' talb u radd il-ħajr fi Pjazza San Ġorġ immexxija mill-Isqof Djoċesan Mons. Nikol Ġ. Cauchi, assistit mill-Kapitlu u l-kleru ta' San Ġorġ kif ukoll minn kotra kbira ta' nies li ġew jassistu għal din il-ġrajja storika għall-gżira Għawdxija. Ħadu sehem ukoll il-Banda Ċittadina La Stella u l-Kor tal-Bażilika Laudate Pueri.

Ta' min jgħid li s-Sibt 10 ta' Lulju sar it-tberik ta' monument f'ġieħ l-E.T. Mons. Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex bejn l-1944 u l-1972, xogħol tal-Kav. Vincenzo Apap. L-għada l-Ħadd 11 ta' Lulju saret l-Ewwel Quddiesa Solenni mis-saċerdot il-ġdid Dun Geoffrey George Attard, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Kolleġġjata. Il-prietka tat-tlitt ijiem tat-Tridu kif ukoll il-paniġierku tal-Festa saru mill-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia.

**Biblijografija**

*Programm ta' Festi Straordinarji f'ġieħ San Ġorġ Megalomartri, Patrun tal-Belt Victoria u Protettur ta' l-Għawdxin f'għeluq l-1700 sena mill-Martirju Glorjuż tiegħu fis-sena 303 wara Kristu, li se jiġu ċċelebrati fil-Knisja Proto-Parrokkjali u Arċi-Matriċi, Bażilika u Kolleġġjata Lateranensi u fil-Belt Victoria. 20 ta' April – 28 ta' April 2003*, ippubblikat fir-rivista *Ta' l-Istilla*, April 2003 (18).

*Programm ta' Festi Ċentinarji fis-Solennità Djoċesana tal-Kbir Martri San Ġorġ, Protettur l-Aktar Setgħan ta' l-Għawdxin, Patrun tal-Belt Victoria, f'Għeluq iċ-Ċentinarju mill-Martirju tiegħu, li se jiġu ċċelebrati fil-Knisja Proto-Parrokkjali u Arċi-Matriċi, Bażilika u Kolleġġjata Lateranensi ddedikata lilu u fil-Belt Victoria. 24 ta' Ġunju – 20 ta' Lulju 2003*, ippubblikat f'*Programm Festi San Ġorġ 2003*, Nru 29, p. 11.

*Programm tal-Festi l-Kbar ta' Għawdex f'ġieħ San Ġorġ Megalomatri, Patrun u Protettur ta' l-Għawdxin, li bihom din is-sena tintemm it-tifkira straordinarja tal-Martirju Glorjuż tiegħu fil-Knisja Proto-Parrokkjali u Arċi-Martriċi, Bażilika u Kolleġġjata Lateranensi u fil-Belt Victoria. 22 ta' Ġunju – 18 ta' Lulju 2004*, ippubblikat f'*Programm Festi San Ġorġ 2004*, Nru 30, p. 11.

**Riferenzi**

7 Ġużeppi Gauci, *Il-Festa Ċentinarja ta' S. Ġorġ Martri – Festa Djoċesana*, f'*Il-Belt Victoria*, Setttembru-Ottubru 2003 (134), p. 7.

8 Ibid.

9 Ġużeppi Farrugia, *Messeġġ ta' l-Arċipriet*, f'*Il-Belt Victoria*, Mejju-Ġunju 2004 (138), p. 3.

10 George Frans Vella, *Bieb Momumentali tal-Bronż għad-daħla ewlenija tal-Bażilka ta' San Ġorġ b'tifsira ta' l-opra artistika u s-sens Nisrani tagħha. Intervista ma' l-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia*, f'*Programm Festi San Ġorġ 2004*, Nru 30, p. 55.

*Ħajr lil JJP Zammit u Joe Attard tar-ritratti.*

# ŻEWĠ ABBATINI ĠORĠJANI FIL-VATIKAN





Kurt Cutajar, Kurt Vella

*Żewġ abbatini tal-Bażilika tagħna bejn is-26 ta' Lulju u l-5 ta' Awwissu marru l-Vatikan biex jagħtu servizz fil-Bażilika ta' San Pietru. Kumbinazzjoni t-tnejn jisimhom Kurt! Hawn jaqsmu magħna l-esperjenza sabiħa li mhux lakemm jinsew.*

Minn abbati fil-Bażilika ta' San Ġorġ għal abbati fil-Bażilika ta' San Pietru! Kienet esperjenza tassew sabiħa, li minnha kbirt ħafna aktar fil-fidi tiegħi.

Stinkajt u studjajt biex wara ġimgħat ta' lezzjonijiet ma' Dun Brian Mejlak nersaq għall-eżami biex inkun nista' nagħti s-servizz tiegħi ta' abbati fil-Vatikan.

Niftakar ftaħt l-envelop b'rogħda kbira biex nara r-riżultat, u meta rajt li kont ġibt punti biżżejjed, infexxejt ngħajjat u naqbeż bil-ferħ. Darba fix-xahar flimkien mal-abbatini Għawdxin l-oħra kont immur għal-lezzjonijiet Malta li kienu mmexxija minn Mons. Frans Bonnici li wkoll akkumpanjana fil-Vatikan.

Fl-aħħar waslet il-ġurnata tas-26 ta' Lulju, u tlaqna lejn Ruma. Bdejna bil-preparamenti u l-provi tagħna. Il-Vatikan kont mort drabi oħra iżda qatt ma kont dħalt f'postijiet bħas-sagristija, allura kienet xewqa li qtajt għax dejjem xtaqt li nidħol sa ġewwa. Emmnuni, tant hi esperjenza sabiħa li diffiċli ħafna tesprimiha bil-kliem jew bil-kitba. L-okkażjoni tal-vestizzjoni fil-Kappella ta' San Ġużepp kienet ħelwa, meta hemmhekk irċivejt il-faxxa l-ħamra minn Mons. Maximillian Grech.

Għext mumenti sbieħ ma' qassisin minn madwar id-dinja li jiġu l-Vatikan biex iqaddsu, u nista' ngħid li tgħallimt minn kull wieħed minnhom. Li servejt u tajt is-servizz tiegħi fuq diversi altari fil-Bażilika ta' San Pietru kienet ħolma oħra li wettaqt. Minkejja li kont inqum kmieni kuljum, għaliex fis-6.30am konna rridu nkunu ħdejn ir-rixtellu sabiex nibdew il-jum tagħna fil-Vatikan, kont inkun ħerqan sabiex nidħol u nara x'kien ikun ħa jmissni bħala servizz. Ma ninsa qatt meta akkumpanjajt qassis Ċiniż fuq l-altar tal-qaddis Papa San Ġwanni Pawlu II: saħansitra qabżitli demgħa għax minkejja li lil dan il-Papa ma nafux, qrajt u smajt ħafna dwar il-ġid li għamel.

Esperjenza oħra sabiħa kienet li kelli x-xorti niġi magħżul sabiex nagħti s-servizz tiegħi fuq l-altar ewlieni tal-Bażilika, l-altar ta' San Pietru, fejn apparti li servejt l-altar kont qed naqdi lill-Arċipriet il-Kardinal Gambetti. Il-qofol ta' kollox kien meta ltqajna mal-Papa Franġisku: xi ħlew ta' bniedem: minn għajnejh tista' tara dik l-imħabba li għandu f'qalbu! Kienet l-isbaħ u l-aqwa għamża li qatt ħadt f'ħajti! Ħassejtni aktar qrib il-Mulej f'dawk il-ftit sekondi li kont ħdejn il-Papa. Żgur li dan il-mument ser jibqa' f'qalbi għal dejjem.

Għaxart ijiem għaddew bħal żiffa, minkejja li kienu ġranet tassew impenjattivi u mimlijin b'ħafna servizzi. Ħassejt li kbirt u tgħallimt ħafna aktar. Minn hawn inħajjar lil kull abbati biex jagħmilha din l-esperjenza għax hi unika.

Nirringrazzja lil kull min għenni biex stajt ngħix din l-esperjenza tassew sabiħa.

**Kurt Cutajar**

Fis-sajf li għadda kelli l-opportunità li mmur il-Vatikan biex nagħti servizz bħala abbati fil-Bażilika ta' San Pietru. Minn diversi xhur qabel kien ikollna diversi laqgħat sabiex inkunu ppreparati sew u għalhekk nagħtu servizz mill-aħjar waqt il-funzjonijiet u l-quddies.

Kienet esperjenza ta' għaxart ijiem. Konna nibdew minn kmieni filgħodu qabel il-ftuħ tal-Bażilika ħalli nħejju l-altari u

*jissokta f'paġna 23...*







MILL-ARKIVJU



# ARLOĠĠ GĦALL-FAĊĊATA TAL-KNISJA

## MILL-ARKIVJU TAL-PARROĊĊA (10)

Toni Farrugia

Peress li fl-antik ma kienx hawn arloġġi tal-idejn ħlief għal min kien tat-tajjeb, il-popolin kien jiddependi mid-daqq tat-tokki tal-arloġġ tal-knisja jew mid-daqq tal-qniepen biex ikun jaf il-ħin. Ngħidu aħna, fil-ħdax ta' filgħodu tindaqq il-mota *Tal-Borma* (diversi tokki mgħaġġla bil-qanpiena z-żgħira) biex ifakkar lill-mara tad-dar tibda tipprepara l-borma għall-familja. Din il-mota għadha tindaqq sal-lum il-ġurnata avolja l-iskop li oriġinarjament kienet tindaqq ma għadux applikabbli, imma b'hekk qegħda tinżamm tradizzjoni sabiħa.[1]

Ma hux magħruf bi preċiżjoni meta bdew l-arloġġi tal-knejjes, imma huwa żgur li l-ewwel arloġġ fl-Ewropa deher għall-aħħar tas-seklu tlettax, x'aktarx fl-Italja tat-Tramuntana, filwaqt li sas-sena 1286 il-Katidral ta' San Pawl f'Londra kellu tali arloġġ.[2] Dawn it-torrijiet kienu mibnija bħala strutturi awtonomi fiċ-ċentru tal-belt (bħat-torri tal-arloġġ fil-Birgu) jew mibnija bħala parti minn bini muniċipali jew ekkleżjastiku. F'Malta l-iktar referenza antika għal arloġġ tmur lura sal-1461 meta l-*Universitas*[3] tal-Mdina ddiskutiet il-ħlas lil persuna biex tiżgura li l-arloġġ (mingħajr dubju dak tal-Katidral) jaħdem kif suppost.[4] F'Għawdex insibu li fil-25 ta' Novembru 1775, l-*Universitas* ta' Għawdex ikkommissjonat lil Giuseppe Muscat biex jibdel l-arloġġ il-qadim fiċ-Ċittadella ma' wieħed ġdid.[5]


plate 1


plate 2


plate 3


plate 4

Taħt il-ħakma kolonjali Ingliża l-industrija tal-arloġġi ħadet spinta 'l quddiem u nsibu li fiċ-ċensiment tal-1842 f'Malta kien hawn 26 arloġġar.[6] L-unika informazzjoni li stajt insib dwar dawn l-arloġġara kien dak dwar Mikelanġ Sapiano li twieled fl-Imqabba fl-1826 u li miet fl-1912. Huwa ħadem diversi arloġġi ta' knejjes f'Malta u Għawdex.[7] Dan it-tagħrif huwa daqsxejn tardiv għall-iskopijiet tagħna, peress li fost il-pjanti, skizzi u disinji li għandna fl-arkivju tagħna hemm dan id-disinn ta' makkinarju ta' arloġġ li kien sar madwar għoxrin sena qabel it-twelid tal-imsemmi Mikelanġ Sapiano.

Kif tixhed l-iskrittura fuq nett ta' *Plate 1*, bejn it-30 ta' Ottubru 1802 u s-6 ta' Frar 1805 saru pagamenti mill-Università tal-Belt Valletta. Il-fatt li pagamenti saru mill-Università (u mhux mill-Knisja San Ġorġ) itini x'naħseb li fil-bidu tas-seklu dsatax kien

hemm il-ħsieb li jsir wieħed bħalu mal-knisja tagħna. Sfortunatament rekords tal-Università mis-soppressjoni tal-Ġiżwiti mill-Gran Mastru Pinto fl-1768 sa xi snin wara rikostituzzjoni tagħha mill-ħakma Ingliżi fit-28 ta' Ottubru 1800 ma jeżistux. Għalhekk ovvjamenet ma stajtx nikkonsultahom forsi joħroġ xi ħjiel dwar dan id-disinn.

L-arloġġ kellu jkun sofistikat ħafna u kif tixhed il-*legend* fil-qiegħ ta' *Plate 2* kellu jimmarka:

A. il-ġranet tal-ġurnata (*Plate 6* hija eżempju ta' arloġġ ta' dan it-tip)
B. ir-riħ (*Plate 5* hija eżempju ta' arloġġ ta' dan it-tip)
C. is-sigħat
D. id-data tax-xahar (*Plate 6* hija eżempju ta' arloġġ ta' dan it-tip)
E. jekk kienx filgħodu jew filgħaxija

Barra minn hekk skont il-*legend* fuq nett ta' *Plate 3* fuq in-naħa tal-lemin, l-arloġġ kellu jimmarka anke l-jum tal-qamar.



plate 5


plate 6

Jista' jkun li dan id-disinn ta' arloġġ kien parti mill-pjanijiet għal bini mill-ġdid tal-faċċata tal-knisja, li kellu jseħħ ftit snin wara, preċiżament fis-snin 1886 u 1887. U fil-fatt il-bini kien inkorporat fih spazju għall-mekkanarju ta' arloġġ li għadu jeżisti. Imma hawnhekk forsi qed inkun spekulattiv wisq.

Bħal f'kull ħaġa oħra t-teknoloġija ta' dawn l-arloġġ evolvit mal-medda taż-żmien - minn arloġġi jaħdmu bil-mażżri għal dawk jaħdmu b'teknoloġija elettronika. Dan il-kapitlu fl-istorja tal-knisja tagħna, ingħalaq fl-2021 bit-tqegħid ta' arloġġ bi ħsieb teoloġiku profond u, kif inhu xieraq, bl-aħħar teknoloġija.

**Riferenzi**

1 (a) Fid-dizzjunarju ta' Ġużè Aquilina taħt il-lemma (*head word* bl-Ingliż) "MOTA" insibu din ir-reġistrazzjoni "*mota tal-borma*, peal of bells of the Church of St George in Victoria, Gozo at eleven o'clock." (b) Dwar din il-mota hemm leġġenda li wieħed jista' jaqra dwarha fl-artiklu *Il-Leġġenda Tat-Tokki Tal-Ħdax* fi *Il-Gżejjer* ta' Diċembru 1973.
2 Debono, John. *Art And Artisans In St John's And Other Churches In The Maltese Islands c.a. 1650-1800*. Self published, 2005, p. 323.
3 Wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn *Università* li kienet, u għadha, il-post ta' edukazzjoni għolja, u *Universitas* tal-Mdina u ta' Għawdex li kienu korpi amministrattivi fi żmien il-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann.
4 Wettinger, Godfrey. *Acta iuratorum Et Consilii Civitatis Et Insula Maltae*, doc. 152, pp. 192-193
5 Debono, John, *ibid.*, p.337.
6 Bonello, Giovanni. "Notes For A History Of Time-Keeping In Malta", fi *Histories Of Malta: Figments And Fragmnets Volume Two.* Fondazzjoni Patrimonju Malta, 2001, p. 97.
7 "Mikiel Anġlu Sapiano (L-Arluġġar) u x-Xogħlijiet Tiegħu", *Festa Santa Margerita*, 2008. p. 15.

---

...jaqbad minn paġna 21

anki nippreparaw u nlibbsu l-ilbies lil numru ta' qassisin li jiġu minn diversi pajjiżi madwar id-dinja. Wara, kull abbati kien ikollu s-servizz tiegħu mqassam bil-ħin. Kont nieħu gost ngħin fis-sagristija u waqt il-quddies f'dan it-tempju mqaddes tant imfittex minn nies minn madwar id-dinja kollha.

Mument speċjali li qsamna flimkien bħala grupp kien il-Vestizzjoni meta ġejna mogħtija l-libsa u l-faxxa ħamra li jintlibsu mill-abbatini li jagħtu servizz fil-Vatikan. Mument uniku ieħor kien il-laqgħa tagħna mal-Papa Franġisku. Għalkemm damet biss ftit minuti, ħassejt ferħ u paċi li jimlew il-qalb filwaqt li ħadt b'idejn dan il-bniedem tant umli.

Huwa ta' unur kbir għalija li kelli ċ-ċans li nitla' u nesperjenza din l-opportunità tant unika. Din l-esperjenza stajt naqsamha mal-familja tiegħi li akkumpanjawni u kienu ta' sapport għalija f'dawn il-jiem tant speċjali. Inħeġġeġ lil kull min hu abbati biex jagħmel din l-esperjenza għax tant hi sabiħa li se tibqa' mnaqqxa f'qalbi tul ħajti kollha.

**Kurt Vella**


Mal-grupp kollu fi tmiem il-Vestizzjoni.



# KEMM APPUNTAMENTI TAL-MUŻEW TAGĦNA!

## MUŻEW TAGĦNA, MUŻEW GĦAL KULĦADD

Antoine Vassallo, President tal-FBV

Fit-3 ta' Settembru għalqet il-wirja eċċezzjonali marbuta ma' Francesco Zahra, l-akbar artist Malti tas-seklu 18.

Fid-9 ta' Settembru fetħet Wirja temporanja li għalqet fil-5 ta' Novembru. *CARBONARO*, ikkordinata minn Austin Camilleri, offriet 60 biċċa ta' Pawlu Carbonaro – b'enfasi fuq pajsaġġi lokali u barranin – mifruxa madwar diversi livelli tal-Mużew. Dan is-Slimiż li issa joqgħod fostna ż-Żebbuġ ilu jesibixxi b'suċċess, kif anki wera l-katalgu (numru 26 fis-sensiela GEMS). Bħalma normalment jiġri, għajnuna waslet minn diversi istituzzjonijiet, pubbliċi u privati, speċifikament f'din l-okkażjoni mill-Gozo Action Group Foundation permezz tal-programm LEADER.

Fit-23 ta' Settembru Il-Ħaġar ospita konferenza mill-Prof. Joseph M. Pirotta dwar il-ġrajjiet ta' April 1958 f'relazzjoni ma' Dom Mintoff.



Fis-27 ta' Settembru s-Soċjetà Filatelika armat esibiti marbuta mal-opri fil-vetrina li għandha fil-Mużew Il-Ħaġar. Laqtu l-għajn sew firem ta' protagonisti ta' waħda li kienet ittellgħet b'suċċess f'Għawdex.

Dakinhar filgħaxija, wara ħafna sforzi, sar l-iffimar ta' ftehim formali mal-eredi tas-Surmast il-Prof. Joseph Vella dwar l-Arkivju fil-Livell 3.

Fit-30 ta' Settembru l-Prof. Nicholas C. Vella ta taħdita fejn ittratta l-arkeologu Taljan Luigi Maria Ugolini (1895-1936) li ġabar ħafna materjal u informazzjoni meta żarna.

Fis-6 ta' Ottubru sar kunċert fil-Mużew. Noel Beck (klarinett), Gilmour Peplow (vjolinċell), Daniel Zammit (vjola) u James Zammit (vjolin) offrew programm li inkluda kompożizzjonijiet ta' Bizet, Crusell, Joplin, Piazzolla, Satie u Shostakovich.

Fis-7 ta' Ottubru organizzajna dawra mal-wirja ta' Pawlu Carbonaro mill-artist innifsu, flimkien ma' Austin Camilleri li kkordinaha.

Fit-13 ta' Ottubru kellna konferenza mill-Kan. Geoffrey George Attard dwar il-ħbiberija bejn iż-żewġ awturi ingliżi J.R.R. Tolkien (1892-1973) u C.S. Lewis (1898-1963).

Fit-18 ta' Ottubru l-Mużew beda jospita nhar ta' Tlieta ċentru tal-Università tat-Tielet Età, bi ftehim mal-Ministeru għall-Anzjanità Attiva.

Fil-21 ta' Ottubru l-Mużew kellu taħdita mill-istoriku u riċerkatriċi tal-arti Caroline Tonna: ittrattat il-Moda tas-soċjetà għolja u tal-flus f'Malta tas-seklu 19 kif murija fil-fotografija.

Fl-4 ta' Novembru ospitajna t-tieni Taħdita annwali f'ġieħ Pawlu Mizzi. Il-Prof. Dominic Fenech ittratta l-perjodu 1921-1933 f'dak li għandu x'jaqsam mal-isforzi għall-awtonomija ta' pajjiżna.



Fil-11 ta' Novembru l-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri inawgura formalment wirja speċjali b'xogħlijiet tal-artisti grafiċi Giovanni Battista Piranesi (Taljan, 1720-78) u Max Klinger (Ġermaniż, 1857-1920). Dr Christian Zammit kien mexxa sessjoni introduttiva tassew interessanti, b'Dr Patrizia Foglia, il-kordinatur Valerio Ballotta, u Arialdo u Marta Ceribelli. Dr Mark Sagona ta l-analiżi tiegħu qabel il-ftuħ. Din, u bosta artikli oħra, insibuhom fil-katalgu (Il-Ħaġar GEMS 27) li jiġbor dettalji u illustrazzjonijiet li jibnu fuq l-esibiti nfushom.

Fit-12 ta' Novembru fetħet il-wirja annwali tas-Soċjetà Filatelika ta' Għawdex fil-parti inferjuri tal-Mużew. Kien hemm assortiment impressjonanti ta' esibiti, minn adulti u tfal, b'diversi temi.

Fit-18 ta' Novembru Il-Ħaġar fakkar il-50 sena mit-tmiem tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex permezz ta' diskussjoni bejn ulied tnejn mill-Presidenti, Anton Tabone MD u Anton Vassallo. Anton Tabone, l-ewwel Ministru għal Għawdex, u Antoine Vassallo, President-fundatur tal-Assoċjazzjoni tal-Organizzazzjonijiet non-governattivi Għawdxin, irreferew għad-diversi riżultati pożittivi li ħarġu minn inizjattivi tal-Kunsill, bħall-bini ta' appartamenti f'Taċ-Ċawla.

Fil-25 ta' Novembru Il-Ħaġar ospita t-tnedija tat-traduzzjoni għall-Malti tad-djarju awtobijografiku tal-Arċisqof Alfred Xuereb *Il-Jiem tiegħi ma' Benedittu XVI*, fil-preżenza ta' bosta personalitajiet. Mons. Xuereb ħataf l-okkażjoni biex offra diversi oġġetti tal-Papa biex jiżdiedu mal-kollezzjoni pontifiċja taċ-Ċentru kulturali li issa qed jippjana spazju ikbar fejn ikunu jistgħu jitgawdew iktar.



*jissokta f'paġna 26...*

# MID-DJARJU PARROKKJALI

SETTEMBRU-DIĊEMBRU 2023



KRONAKA

Andrew Formosa

**» 12 ta' Settembru**
Fi stqarrija mid-Djoċesi ta' Għawdex tħabbru numru ta' ħatriet, uħud relatati mal-Parroċċa tagħna. Dun Joseph Mercieca nħatar Vigarju Parrokkjali, filwaqt li Patri Martin Cilia MSSP Kollaboratur fil-Parroċċa.
**» 20 ta' Settembru**
**6.30pm:** Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ċċelebra l-Ewwel Għasar tas-Solennità tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika Ġorġjana.
**» 21 ta' Settembru**
**6.00pm:** L-Arċipriet mexxa t-Tieni Għasar u wara l-Konċelebrazzjoni Solenni fil-268 Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika.
**» 24 ta' Settembru**
**Filgħodu:** L-Arċipriet akkumpanjat minn tim ta' voluntiera mexxa quddiesa fil-Kappella tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin bħala parti mill-Proġett *Fejn hu Ħuk?*
**» 26-28 ta' Settembru**
**5.30pm:** Il-Kan. George J. Frendo mexxa quddiesa bl-omelija bi preparazzjoni għall-Festa parrokkjali ta' San Mikiel.
**» 29 ta' Settembru**
**5.30pm:** Mons. Joseph Zammit mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-Festa parrokkjali ta' San Mikiel Arkanġlu.
**» 2 ta' Ottubru**
**10.00am:** L-Arċipriet ta l-mandat lill-katekisti u animaturi tal-Parroċċa. Huwa introduċa wkoll lil Patri Martin Cilia MSSP li ħa jibda jmexxi l-quddiesa kull nhar ta' Ħadd, kif ukoll lis-seminarista Marvic Mallia mill-Parroċċa tal-Imqabba li sa jkun qed jagħti għajnuna pastorali fit-tliet xhur li ġejjin, u lill-propedewtiku Simon Zammit mill-Parroċċa tax-Xagħra.
**» 5 ta' Ottubru**
**5.00pm u 6.00pm:** Bdew il-laqgħat għall-kandidati tal-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma tal-Isqof rispettivament, fejn l-Arċipriet iltaqa' wkoll mal-ġenituri.
**» 6 ta' Ottubru**
**7.30pm:** Saret ċelebrazzjoni tal-ftuħ tal-laqgħat tat-23four fil-Bażilika, u wara kellhom attività fil-Pjazza.
**» 8 ta' Ottubru**
**10.00am:** Saret Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fi tmiem il-ministeri ta' Mons. Anton Borg li sa mill-2010 serva bħala Vigarju Parrokkjali, u l-Kan. Richard N. Farrugia li għall-aħħar disa' snin għen bħala Kollaboratur Parrokkjali u li issa ġie maħtur bħala Arċipriet tal-Parroċċa tax-Xagħra.
**» 9 ta' Ottubru**
**7.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa tal-Grupp 23four tal-18+ f'Dar Patri Manwel Magri, l-Imsida. Din baqgħet issir kull ġimgħa fl-istess ħin.
**» 10 ta' Ottubru**
**7.15pm:** Beda jiltaqa' grupp ġdid tal-koppji li żżewġu fl-aħħar 15-il sena, fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 11 ta' Ottubru**
**6.30pm:** Is-seminarista Samuel Aquilina mill-Parroċċa tagħna ġie ammess għall-Ordni Sagri mill-Isqof Anton Teuma f'quddiesa fil-Katridal.
**6.30pm:** Beda jiltaqa' l-Grupp 23four tal-Form 3 fiċ-Ċentru Parrokkjali. Il-laqgħa baqgħet issir kull ġimgħa fl-istess ħin.
**7.15pm:** Beda jiltaqa' l-grupp tal-koppji bejn l-20 u l-35 sena żwieġ, fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 11-13 ta' Ottubru**
**5.30pm:** Ġew iċċelebrati t-tlett ijiem tat-Tridu fl-okkażjoni tal-Festa parrokkjali tal-Madonna ta' Fatima.
**7.30pm:** Bdew jiltaqgħu l-koppji bejn l-10 u l-25 sena żwieġ, fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 12 ta' Ottubru**
**Filgħaxija:** Saret l-ewwel laqgħa tal-Grupp 23four tal-Forms 4 u 5, fiċ-Ċentru Parrokkjali. Din baqgħet issir kull ġimgħa fl-istess ħin.
**» 13 ta' Ottubru**
**8.00pm:** Beda jiltaqa' l-Grupp 23four tas-16+, fiċ-Ċentru Parrokkjali. Din baqgħet issir kull ġimgħa fl-istess ħin.
**» 14 ta' Ottubru**
**4.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa tal-Grupp 23four tal-Form 2, fiċ-Ċentru Parrokkjali. Din baqgħet issir kull ġimgħa fl-istess ħin.
**5.30pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-Festa parrokkjali tal-Madonna ta' Fatima u wara saret purċissjoni bl-istatwa tagħha madwar it-toroq tal-Bażilika.
**» 29 ta' Ottubru**
**6.00pm:** Inxtegħlet il-Mixegħla tal-Qaddisin organizzata mill-Ministeru għal Għawdex madwar il-lokalitajiet kollha. Il-Mixegħla fi Pjazza San Ġorġ kienet tirrappreżenta simboli marbuta mal-Martirju ta' San Ġorġ.
**7.30pm:** Mons. Dr Joe Zammit ħa l-pussess bħala Monsinjur Kuġitur tal-Kapitlu Katidrali.
**» 7 ta' Novembru**
Saret ħarġa għal Malta għall-anzjani tal-Parroċċa.
**» 9 ta' Novembru**
**5.30pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-Festa tad-Dedikazzjoni tal-Arċibażilika ta' San Ġwann Lateran.
**» 12 ta' Novembru**
**5.30pm:** Mons. Joseph Zammit mexxa Quddiesa Solenni fil-Festa parrokkjali ta' San Klement Martri.
**» 17 ta' Novembru**
**7.15pm:** L-Arċipriet mexxa quddiesa fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija fix-Xewkija għall-erwieħ mejtin tal-Parroċċa.
**» 2-3 ta' Diċembru**
Il-Grupp 23four organizza l-attività *Christmas Loading* li kienet tinkludi bake sale u diversi attivitajiet fi Pjazza San Ġorġ.
**» 3 ta' Diċembru**
**10.00am:** Saret it-tnedija tal-ktieb ta' katekeżi tal-Opri tal-Ħniena li saru bħala parti mill-Proġett parrokkjali *Fejn hu Ħuk?*
**» 8 ta' Diċembru**
Fis-Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni tħabbar li l-Arċisqof Mons. Alfred Xuereb ġie maħtur mill-Papa Franġisku bħala Nunzju Appostoliku ġdid għall-Marokk.
**» 10 ta' Diċembru**
**8.00pm:** Ittella' kunċert ta' għanjiet tal-Milied mill-Kor Piccole

Stelle fil-Bażilika.
**» 15-23 ta' Diċembru**
**6.00pm:** In-Novena tal-Milied fil-Bażilika tmexxiet mill-Arċipriet u kellha bħala tema "Il-Presepju: Sinjal tal-Għaġeb", fit-800 anniversarju tal-ewwel presepju li għamel San Franġisk fi Greccio. Din kienet tinkludi l-kant tal-Alma u l-Barka Ewkaristika. Fl-istess ġranet, l-adolexxenti kellhom Novena għalihom immexxija mill-Arċipriet filgħodu kmieni fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.
**» 18 ta' Diċembru**
**6.00pm:** Fil-quddiesa tan-Novena saret il-vestizzjoni tal-abbatini ġodda tal-Parroċċa George Abela, Jake Camilleri u Adam Mercieca.
**» 20 ta' Diċembru**
**8.00pm:** Saret quddiesa f'għar għall-gruppi taż-żgħażagħ tal-Parroċċa.
**» 24 ta' Diċembru**
**10.45am:** Wara l-quddiesa għat-tfal u l-familji saret id-Dimostrazzjoni tal-Bambin bil-kollaborazzjoni tas-Soċjetà tal-Museum u bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella. Id-Dimostrazzjoni bdiet minn Pjazza San Ġorġ u għaddiet mit-toroq tal-viċin. Wara, saret ċelebrazzjoni tal-għeluq fi Pjazza San Ġorġ.
**4.30pm:** Sar il-kant tal-Ewwel Għasar Solenni tal-Milied.
**11.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-Uffiċċju tal-Qari u wara l-Quddiesa tal-Lejl tal-Milied. Il-Prietka tradizzjonali tat-Tifel saret mill-abbati Eman G. Camilleri.
**» 25 Diċembru**
**11.00am:** L-Isqof Anton Teuma mexxa l-Pontifikal fis-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.
**» 28 ta' Diċembru**
Il-Gruppi kollha tat-23four qassmu l-oġġetti li nġabru tul il-kampanja ta' ġenerożità fi żmien l-Avvent lil entitajiet tal-karità f'Malta u Għawdex.
**» 31 ta' Diċembru**
**05.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni tal-aħħar tas-sena fejn tkanta wkoll it-Te Deum.

*...jaqbad minn paġna 24*

Fl-1 ta' Diċembru, waqt serata fit-Teatru Manoel organizzata mill-Kunsill tal-Arti, il-Mużew u Ċentru Kulturali Il-Ħaġar irċieva t-trofew tal-Premju Nazzjonali għall-Wirt Kulturali minn idejn il-Ministru Owen Bonnici.

Fit-2 ta' Diċembru ngħata bidu fil-Mużew tagħna għall-programm ta' appuntamenti mifrux matul ix-xahar, fl-iskema *Il-Milied f'Għawdex*. Kien mistieden Mons. Edgar Vella, il-Kuratur tal-Mużew tal-Katidral tal-Imdina, biex jitkellem dwar l-iżvilupp tal-Presepju Naplitan. Tant kien eżawrjenti li t-tieni parti kellu jħalliha għal darb'oħra!

Fit-3 ta' Diċembru l-Ministru Clint Camilleri inawgura uffiċjalment wirja tal-arti. *Verbum Dei Caro Factum* – organizzata minn Joseph Calleja – ikkonsistiet minn 'il fuq sew minn 20 pittura taż-żejt, il-biċċa l-kbira fuq it-tila imma anki fuq il-metall u l-ħġieġ. Silfuhom kollezzjonisti privati, is-Seminarju, il-Bażiliċi tan-Nadur u x-Xagħra, Ta' Pinu, u l-Mużew tal-Katidral. Kienu ttrattati suġġetti bħal-Lunzjata, il-Viżitazzjoni, l-Anġlu jħabbar lil San Ġużepp, il-Preżentazzjoni, il-Maġi, il-Ħarba lejn l-Eġittu, is-Sagra Familja, u s-Sejbien fit-Tempju. L-artisti inkludew Dun Francesco de Domenici (1655-1733), Rokku Buhagiar (1723-1805), Rafel Bonnici Calì (1907-2002), Mario Caffaro Rore (1910-2001), u Emvin Cremona (1919-1987), flimkien ma' xi anonimi u attribuzzjoni lil Carlo Maratta (1625-1713).

Imbagħad il-vetrina tas-Soċjetà Filatelika kellha kartolini ddisinjati bl-idejn. Esibiti fi tliet dimensjonijiet ma kinux nieqsa, bħal ċeramika ta' Victor Agius. F'diversi naħat kien hemm il-pasturi: Ino Attard sellef numru sabiħ ta' Naplitani tradizzjonali, maħduma minn Antonio u Ugo Esposito u Guglielmo Muoio – u li setgħu jitqabblu f'kuntrast ma' ta' Majsi tal-Għadmu (Tumas Zahra, 1889-1972) fit-tafal.

U għal presepju kien hemm tnejn: wieħed bil-faċċata l-qadima ta' San Ġorġ u l-ieħor b'San Franġisk fost il-persunaġġi. Dan tal-aħħar sintendi ried ifakkar it-tmien ċentinarju ta' meta l-Fqajjar ta' Assisi ħoloq iċ-ċelebrazzjoni fi Greccio li ma damitx ma żviluppat fil-*Presepe*.

Fid-9 ta' Diċembru ċ-Ċentru Il-Ħaġar ospita lill-istudenti tal-Iskola tal-Mużika f'*Joy to the World*. Il-flawti, mgħallma minn Sarah Cassar, daqqew xogħlijiet ta' Corelli u Holst, u l-klarinetti taħt Noel Curmi siltiet ta' Sheeran u Tchaikovsky. Imbagħad il-kordi (li jgħallimhom Pierre Louis Attard) semmgħu Brahams u Cerulli.



Fl-14 ta' Diċembru diversi klassijiet mis-Seminarju Minuri ddawru mal-Mużew, prinċipalment biex japprezzaw il-wirjiet natalizji.

Fis-16 ta' Novembru ttella' *Christmas Brass*, kunċert qasir mill-grupp Brasstubes immexxi minn Mark Gauci.

Fit-22 ta' Diċembru Il-Ħaġar kellu konferenza mhux tas-soltu iżda addattata sew: il-Prof. Maria Frendo tkellmet dwar *The Medicinal Qualities of Snow*.

Fit-23 ta' Diċembru Il-Ħaġar kellu *In Dulci Jubilo*. F'dan il-kunċert qasir is-sezzjoni femminili tal-Kor Laudate Pueri, immexxija mill-Prof. Maria Frendo u l-Kan. George J. Frendo, kantat bosta innijiet tal-Milied f'diversi lingwi – prinċipalment f'arranġamenti ta' Joseph Vella u David Willcocks.



Fis-27 ta' Diċembru fil-Mużew numru mdaqqas ta' tfal ipparteċipaw f'sessjoni prattika tal-arti mmexxija minn Victor Agius.


APAP
LIFTS INSTALLATION AND SERVICES
99803272 - 79557300

GOZO COTTAGE®
GENUINE PRODUCE OF GOZO

de Reday
GOZO HOMES
Property For Sale &
Long Let in Gozo
50, Republic Street, Victoria | 21564323 | info@dereday.com
www.dereday.com
PROPERTY - ACCOMMODATION - TRAVEL - INSURANCE

Opening Hours:
Monday-Friday: 5:00pm-7:00pm
Saturday: 9:00am-12:00pm
La Bottega di Melchiorre

Arkadia
Foodstore Gozo
OPEN 7 DAYS A WEEK
QUALITY, CHOICE
& VALUE
ArkadiaFoodstore.com

cafè Diaz
Dias café
St. George's Square
Victoria, Gozo

SKIPPY
WOODWORKS
Joseph Camilleri
mob: (+356) 9940 7147
email: skippywoodworks@gmail.com




▲Il-Parroċċa ta’ San Ġorġ tirringrazzja lil Mons. Anton Borg u l-Kan. Richard N. Farrugia tas-servizz li tawha fl-aħħar snin, bħala Vigarju Parrokkjali u Kollaboratur rispettivament.

▼Id-Dimostrazzjoni tal-Bambin Ġesù lejlet il-Milied 2023 ħarġet għad-dawl tax-xemx u ġiet konkluża b’rappreżentazzjoni drammatika tal-Presepju ta’ Greccio fi Pjazza San Ġorġ.

